2022

# Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb



## PROGRAMM TAL-ATTIVITAJIET

**23-27 TA' NOVEMBRU**

IĊ-ĊENTRU GĦALL-FIERI U L-KOVENZJONIJIET (MFCC) TA' QALI





**B'LISTA TWILA TA' PARTEĊIPANTI MIFRUXA MAS-SETTURI KOLLHA TAL-INDUSTRIJA TAL-KTIEB, U BI PROGRAMM KULTURALI LI JINKLUDI AKTAR MINN MITT ATTIVITÀ TA' TNEDIJIET TA' KOTBA, PREŻENTAZZJONIJIET TA' KOTBA, DRAMMI, GRUPPI TA' ĦIDMA U KONFERENZI, IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB HUWA L-AKBAR U L-USA' ĊELEBRAZZJONI TAL-KULTURA TAL-KTIEB F'MALTA.**

Nies minn kull qasam tal-ħajja, żgħar u kbar jistennew b'ħerqa dan il-Festival, li din is-sena se jittella' bejn it-23 u s-27 ta' Novembru fiċ-Ċentru għall-Fieri u l-Kovenzjonijiet (MFCC). Għal ħamest ijiem sħaħ, pubblikaturi, bejjiegħa tal-kotba, illustraturi, tradutturi u awturi jiltaqgħu taħt saqaf wieħed biex flimkien jieħdu li jistgħu minn din l-opportunità unika biex imexxu u jbigħu l-kotba tagħhom lill-pubbliku.

Minbarra t-talent lokali, fil-Festival se jkun hemm ukoll interventi minn mistiedna barranin, uħud minnhom ta' fama internazzjonali fix-xena letterarja.

# L-ERBGĦA 23 NOVEMBRU

**09:00-13:00**

## SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Din il-kamra toffri ambjent ideali għall-awtiżmu, (bi stimulazzjoni baxxa, b'oġġetti bażiċi sensorjali u riżorsi ideali għall-awtiżmu) tippermetti lit-tfal fuq l-ispettru aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer f'spazju sikur u inklussiv. Din il-kamra mmexxija mill-Fondazzjoni Inspire. Jingħata biss aċċess lil tfal akkumpanjati minn ġenituri jew edukaturi.

**10:00-10:30**

## SESSJONI TA' QARI: *OSBERT AND FRIENDS*

ENERGY AND WATER AGENCY (EWA) | READERS' HUB

Osbert, żring li jgħix ġewwa Wied il-Qlejgħa, jgħallimna dwar l-abitat tiegħu, l-inħawi u l-bijodiversità f'dal-post.

**10:00-10:40**

## PRODUZZJONI ŻIGUŻAJG GĦAL TFAL TA' 8 SNIN JEW IŻGĦAR

THEATRE

Produzzjoni teatrali għat-tfal tal-iskola sa tmien snin adattata u diretta minn Prickly Pear Productions bil-parteċipazzjoni tal-atturi Chantelle Micallef Grimaud u Zoë Alba Farrugia, ibbażata fuq il-ktieb rebbieħ tal-Premju Terramaxka 2022 fil-kategorija 'Xogħlijiet Oriġinali għal tfal sa 7 snin'.

**11:00-11:30**

## SESSJONI TA' QARI: *IL-KAVALLIER GĦATXAN*

ENERGY AND WATER AGENCY (EWA) | READERS' HUB

Din l-istorja teħodna lura fi żmien il-Kavallieri fejn niltaqgħu mal-Kavallier Jean de Villers, l-akbar ħabib tal-Gran Mastru Alof de Wignacourt. Jean kien ingħata kariga importanti immens, dik li jieħu ħsieb il-provvista tal-ilma tal-gżejjer Maltin. B'hekk naraw lil Jean jinvestiga l-bjar, il-ġwiebi, l-ispieri u l-mini minħabba n-nuqqas ta' ilma. B'hekk Jean żdiedlu x-xogħol minħabba li ta' sikwit kien jiċċekkja x-xogħlijiet fuq dan il-proġett importantissimu għall-gżejjer Maltin.

**11:00-12:00**

## INKEWSU STORJA

MALTA LIBRARIES | AUTHORS' HUB

Il-pjaċir tal-kitba huwa pjaċir tul il-ħajja; u li jiġri meta l-kbir jaqsam maż-żgħir u ż-żgħir inebbaħ lill-kbir huwa maġija pura. Din l-attività ta' kitba kreattiva se tlaqqa' flimkien żewġ settijiet ta' vuċijiet, spunti ta' ispirazzjoni u opportunitajiet uniċi biex wieħed jaqsam u joħloq f'komunità speċjali maħluqa għal din l-okkażjoni.



**12:00-12:40**

## PRODUZZJONI ŻIGUŻAJG GĦAL TFAL BEJN 8 U 12-IL SENA

THEATRE

Produzzjoni teatrali għat-tfal tal-iskola bejn 8 u 12-il sena adattata u diretta minn Prickly Pear Productions bil-parteċipazzjoni tal-atturi Chantelle Micallef Grimaud u Sean Briffa, ibbażata fuq il-ktieb rebbieħ tal-Premju Terramaxka 2022 fil-kategorija 'Xogħlijiet Oriġinali għal tfal ta' bejn 8 u 12-il sena'.

**17:00-19:00**

## SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Din il-kamra toffri ambjent ideali għall-awtiżmu, (bi stimulazzjoni baxxa, b'oġġetti bażiċi sensorjali u riżorsi ideali għall-awtiżmu) tippermetti lit-tfal fuq l-ispettru aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer f'spazju sikur u inklussiv. Din il-kamra mmexxija mill-Fondazzjoni Inspire. Jingħata biss aċċess lil tfal akkumpanjati minn ġenituri jew edukaturi.

**17:00-18:00**

## *THREE LITTLE PIGS* (3-6 YEAR OLDS)

FONDAZZJONI INSPIRE | SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Sessjoni ta' qari organizzata mill-Fondazzjoni Inspire f'ambjent ideali għall-awtiżmu, li jippermetti aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer u li jirrispetta l-isfidi ta' tfal fuq l-ispettru tal-awtiżmu. Din is-sessjoni se tkun immirata għal tfal bejn tlieta u sitt snin u se tingħata minn Stefany Munoz u Ashley Grima.

**17:00-21:00**

## PODCAST LIVE

JON MALLIA | READERS' HUB

Podcast live li fih Jon Mallia se jintervista lill-membri tal-pubbliku fuq ir-relazzjoni tagħhom mal-kotba, l-għarfien u l-kultura.

**17:30-18:15**

## PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB: *IL-FORKA TA' MALTA U L-PIENA KAPITALI BARRA MINN XTUTNA*

RONALD BUGEJA | AUTHORS' HUB

Din il-preżentazzjoni mill-awtur fuq il-ktieb tiegħu hija dwar dak kollu li kien isir bil-liġi tal-forka u dak li kellu jwettaq il-bojja waqt li jesegwixxi l-kundanna skont il-famuża teorija ta' Sir William Marwood u l-liġi li kienet tittratta l-forka.



IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2022

18:00-19:00

### *THE VERY HUNGRY CATERPILLAR* (3 SA 6 SNIN)

FONDAZZJONI INSPIRE | SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Sessjoni ta' qari organizzata mill-Fondazzjoni Inspire f'ambjent ideali għall-awtiżmu, li jippermetti aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer u li jirrispetta l-isfidi ta' tfal fuq l-ispettru tal-awtiżmu. Din is-sessjoni se tkun immirata għal tfal bejn tlieta u sitt snin u se tingħata minn Stefany Munoz u Ashley Grima.

18:00-19:00

### L-ISFIDA MSELLA

SAN ANTON SCHOOL U KNK | BLUE HALL

Għat-tieni sena konsekuttiva, l-iskola ta' San Anton qed tiċċelebra dawk l-istudenti li ħadu sehem u temmew b'mod sodisfaċenti *L-Isfida Msella. L-Isfida Msella* hija sfida eċitanti dwar il-qari bil-Malti fejn l-istudenti qraw tliet kotba fi tliet xhur u ħadmu fuq proġetti mnebbħa minnhom, fosthom posters, kitba kreattiva u trailers tal-kotba. Waqt din is-serata, l-istudenti li pparteċipaw se jingħataw premju.

18:00-19:00

### MEETUP

WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA (WCM) | STAND WCM

Iltaqa' ma' membri tal-Wikimedia Community Malta u tkellem magħhom dwar il-Wikipedija u proġetti oħra tal-Wikimedia, fosthom il-konkorsi annwali Wiki Loves Earth, Wiki Loves Folklore, Wiki Loves Monuments u r-Rebbiegħa CEE.

18:30-19:15

### IT-TNEDIJA TAL-KONKORS TA' LETTERATURA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

KNK U AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ | AUTHORS' HUB

Dan l-avveniment se jlaqqa' lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u Aġenzija Żgħażagħ għat-tnedija ta' edizzjoni ġdida tal-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ. Se jkun hemm qari ta' siltiet mir-rebbieħ tas-sena l-oħra - Lon Kirkop - kif ukoll xi testimonjanzi minn rebbieħa tal-passat.

19:00-19:30

### L-ILMA - IBDA MINNEK

ENERGY AND WATER AGENCY (EWA) | READERS' HUB

L-ILMA - IBDA MINNEK hija kampanja edukattiva u ta' għarfien maħsuba sabiex ittejjeb u tagħmel aktar effiċjenti l-użu tar-riżorsi tal-ilma. Il-kampanja tgħin sabiex issir bidla fil-kultura tal-poplu dwar il-konservazzjoni tal-ilma. Waqt din is-sessjoni, se jsiru tliet esperimenti sabiex jgħinu lill-udjenza tifhem kunċetti bażiċi relatati mal-ilma. Ser ikollkom opportunità taraw kif tifforma sħaba fi flixkun tal-plastik, kif jitnaddaf l-ilma permezz ta' filtri u kif ikun l-ilma tal-pjan. Ejjew żuruna!



19:00-20:00

### WIKIPEDIA EDITING WORKSHOP

WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA (WCM) | RAINBOW HALL

Kulħadd jaf x'inhi l-Wikipedija, imma kont taf li int ukoll tista' ssir editur tagħha, flimkien ma' eluf oħra ta' nies bħalek madwar id-dinja? F'dan il-workshop tiskopri sew kif taħdem il-Wikipedija u proġetti oħra tal-Wikimedia u b'hekk tkun tista' tieħu sehem fl-edit-a-toni ta' Wikimedia Community Malta waqt il-festival u wara.

19:30-20:30

### QARI TA' POEŻIJA MINN POETI KONTEMPORANJI

KOTBA CALLEJA | AUTHORS' HUB

Qari ta' poeżija minn diversi kittieba kontemporanji kemm stabbiliti kif ukoll ġodda. Fl-2022 il-poeta u l-umanità mogħnija bl-għodod u lingwaġġi tekniċi li jħalluhow jartikolaw sentimenti, ferħiet u preokkupazzjonijiet li sa ftit snin ilu ma setgħux jeżistu. Il-qari huwa kollu bil-Malti u se jkunu ppreżentati xogħlijiet ġodda u oħrajn diġà ppubblikati.

19:30-21:00

### DEMGĦAT TAS-SILĠ? OMAĠĠ LIL MARIO AZZOPARDI

KNK | THEATRE

F'din id-diskussjoni jiltaqgħu ħbieb, kittieba u akkademiċi li afu lil Mario Azzopardi u l-faċċati differenti ta' din il-figura ewlenija fix-xena kulturali Maltija. Se jintwera wkoll filmat ma' Azzopardi mill-2017 meta rebaħ il-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura. Din id-diskussjoni se tkun immoderata mill-akkademiku Immanuel Mifsud, bil-parteċipazzjoni ta' Giuseppe Schembri Bonaci (storiku tal-arti), Karl Schembri (poeta), u Marvic Cordina (attriċi).

20:00-20:30

### L-ILMA - IBDA MINNEK

ENERGY AND WATER AGENCY (EWA) | READERS' HUB

L-ILMA - IBDA MINNEK hija kampanja edukattiva u ta' għarfien maħsuba sabiex ittejjeb u tagħmel aktar effiċjenti l-użu tar-riżorsi tal-ilma. Il-kampanja tgħin sabiex issir bidla fil-kultura tal-poplu dwar il-konservazzjoni tal-ilma. Waqt din is-sessjoni, se jsiru tliet esperimenti sabiex jgħinu lill-udjenza tifhem kunċetti bażiċi relatati mal-ilma. Ser ikollkom opportunità taraw kif tifforma sħaba fi flixkun tal-plastik, kif jitnaddaf l-ilma permezz ta' filtri u kif ikun l-ilma tal-pjan. Ejjew żuruna!



# *from* ILLUSTRATION *to* BOOK

## E X H I B I T I O N

*From Illustration to Book* hija mtellgħa f'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Kunsill Malti għall-Arti, u tesplora l-evoluzzjoni tal-illustrazzjoni f'Malta mill-perjodu ta' bejn iż-żewġ gwerer dinjija sal-lum.

L-esibizzjoni hija mqassma f'ħames sezzjonijiet: 'Looking Back' hija omaġġ lil uħud mill-artisti pijunieri Maltin tas-seklu għoxrin, li fiha se jidhru xi eżempji mix-xogħol tagħhom; 'Maltese Illustrated Characters' tiffoka fuq karattri klassiċi u kontemporanji li mmarkaw għal dejjem l-immaġinazzjoni letterarja tagħna; 'Illustrations Today' u 'The MCOI *Illustration Annual 2022* Exhibit' jiġbdu l-attenzjoni fuq uħud mill-aħjar xogħlijiet ta' illustraturi u disinjaturi tal-kotba kontemporanji attivi bħalissa. Finalment, is-sezzjoni 'Artist Spotlight' tiddedika attenzjoni speċjali lil tliet illustraturi partikolari: Mario Azzopardi, Joe Sacco u Trevor Żahra.

ARTS COUNCIL MALTA · MCI · MCAST

# IL-ĦAMIS 24 NOVEMBRU

**09:00-13:00**

## SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Din il-kamra toffri ambjent ideali għall-awtiżmu, (bi stimulazzjoni baxxa, b'oġġetti bażiċi sensorjali u riżorsi ideali għall-awtiżmu) tippermetti lit-tfal fuq l-ispettru aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer f'spazju sikur u inklussiv. Din il-kamra mmexxija mill-Fondazzjoni Inspire. Jingħata biss aċċess lil tfal akkumpanjati minn ġenituri jew edukaturi.

**10:00-10:40**

## PRODUZZJONI ŻIGUŻAJG GĦAL TFAL TA' 8 SNIN JEW IŻGĦAR THEATRE

Produzzjoni teatrali għat-tfal tal-iskola sa tmien snin adattata u diretta minn Prickly Pear Productions bil-parteċipazzjoni tal-atturi Chantelle Micallef Grimaud u Zoë Alba Farrugia, ibbażata fuq il-ktieb rebbieħ tal-Premju Terramaxka 2022 fil-kategorija 'Xogħlijiet Oriġinali għal tfal sa 7 snin'.

**11:00-11:30**

## L-ILMA - IBDA MINNEK

ENERGY AND WATER AGENCY (EWA) READERS' HUB

L-ILMA - IBDA MINNEK hija kampanja edukattiva u ta' għarfien maħsuba sabiex ittejjeb u tagħmel aktar effiċjenti l-użu tar-riżorsi tal-ilma. Il-kampanja tgħin sabiex issir bidla fil-kultura tal-poplu dwar il-konservazzjoni tal-ilma. Waqt din is-sessjoni, se jsiru tliet esperimenti sabiex jgħinu lill-udjenza tifhem kunċetti bażiċi relatati mal-ilma. Ser ikollkom opportunità taraw kif tifforma sħaba fi flixkun tal-plastik, kif jitnaddaf l-ilma permezz ta' filtri u kif ikun l-ilma tal-pjan. Ejjew żuruna!

**11:00-12:00**

## MAPEP: KIF U X'FATTA? MALTA LIBRARIES AUTHORS' HUB

F'din is-sessjoni organizzata minn Malta Libraries ser ikollna l-opportunità li niddiskutu mal-espert Joseph Schirò, kollettur u konservatur tal-mapep kif ukoll president tal-Malta Map Society. Waqt li naraw uħud mill-aktar mapep partikolari fil-kollezzjoni tal-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, ser nitgħallmu dwar kif inhi mqassma l-Belt Valletta billi nikkonsultaw mappa interattiva tagħha u min għandu xi mappa għal qalbu hu mitlub iġibha miegħu ħalli nistudjawha flimkien mal-espert!



**12:00-12:40**

## PRODUZZJONI ŻIGUŻAJG GĦAL TFAL BEJN 8 U 12-IL SENA THEATRE

Produzzjoni teatrali għat-tfal tal-iskola bejn 8 u 12-il sena adattata u diretta minn Prickly Pear Productions bil-parteċipazzjoni tal-atturi Chantelle Micallef Grimaud u Sean Briffa, ibbażata fuq il-ktieb rebbieħ tal-Premju Terramaxka 2022 fil-kategorija 'Xogħlijiet Oriġinali għal tfal ta' bejn 8 u 12-il sena'.

**17:00-17:45**

## MEETUP WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA (WCM) STAND WCM

Iltaqa' ma' membri tal-Wikimedia Community Malta u tkellem magħhom dwar il-Wikipedija u proġetti oħra tal-Wikimedia, fosthom il-konkorsi annwali Wiki Loves Earth, Wiki Loves Folklore, Wiki Loves Monuments u r-Rebbiegħa CEE.

**17:00-18:00**

## *THREE LITTLE PIGS* (3-6 YEAR OLDS) FONDAZZJONI INSPIRE SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Sessjoni ta' qari organizzata mill-Fondazzjoni Inspire f'ambjent ideali għall-awtiżmu, li jippermetti aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer u li jirrispetta l-isfidi ta' tfal fuq l-ispettru tal-awtiżmu. Din is-sessjoni se tkun immirata għal tfal bejn tlieta u sitt snin u se tingħata minn Diane Craus u Rowana Borg.

**17:00-18:30**

## SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Din il-kamra toffri ambjent ideali għall-awtiżmu, (bi stimulazzjoni baxxa, b'oġġetti bażiċi sensorjali u riżorsi ideali għall-awtiżmu) tippermetti lit-tfal fuq l-ispettru aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer f'spazju sikur u inklussiv. Din il-kamra mmexxija mill-Fondazzjoni Inspire. Jingħata biss aċċess lil tfal akkumpanjati minn ġenituri jew edukaturi.



17:00 -19:00

## TNEDIJA: *THE MALTA ILLUSTRATION ANNUAL 2022*

**MALTA COMMUNITY OF ILLUSTRATORS (MCOI)** | **ILLUSTRATORS' HUB**

Il-Komunità Maltija tal-Illustraturi qed torganizza l-ewwel avveniment uffiċjali tagħha ta' tlaqqigħ tal-membri permezz tat-tnedija tat-tieni pubblikazzjoni tal-annwal tal-Illustrazzjoni Maltija. Illustraturi Maltin, kif ukoll dawk interessati fis-suġġett, mistednin jattendu biex jissoċjalizzaw u jagħtu titwila lejn l-aqwa illustrazzjonijiet Maltin tal-2021 u 2022. Se jkun hemm ukoll reċensjoni ta' portafolli mid-disinjatur u illustratur Mike Ross u l-illustratur Zack Ritchie. Min jixtieq reċensjoni jrid jibbukkja minn qabel. Segwu l-MCOI fuq Facebook u Instagram għal iktar informazzjoni.

17:45-18:45

## STEJJER TAL-IVVJAĠĠAR BEJN MALTA U L-EWROPA FIS-SEKLU 17 U 18

**L-AMBAXXATA FRANĊIŻA F'MALTA** | **AUTHORS' HUB**

Matul is-sekli 17 u 18, Malta kienet post kożmopolitan, li fih kienu jiltaqgħu kavallieri, kummerċjanti u pellegrini mill-Ewropa kollha. Malta kienet involuta wkoll fil-piraterija tal-Mediterran. Prof Carmen Depasquale u Prof Patricia Micallef se jitkellmu dwar kif is-sbuħija u l-miżerja ta' Malta laqtu lill-viżitaturi Ewropej. Dominique Lanni se jistedinhom jitkellmu wkoll dwar l-impressjonijiet li l-Maltin ħallew fuq dawn il-viżitaturi.

18:00-18:45

## WIKI LOVES - INFORMATION SESSION

**WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA (WCM)** | **BLUE HALL**

Skopri sew x'inhuma l-konkorsi annwali ta' Wiki Loves Monuments, Wiki Loves Folklore u Wiki Loves Earth. Jippreżenta Toni Sant.

18:00-20:00

## IL-PROMOTURI TAL-QARI

**AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU** | **THEATRE**

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tippremja studenti tas-Seba' Sena, li ġew innominati mill-amministrazzjoni tal-iskola u l-librara tagħha għall-imħabba tagħhom lejn il-qari, il-promozzjoni tal-kotba, u t-titjib fil-ħiliet tal-litteriżmu.

18:30-19:15

## QARI TA' POEŻIJA: *THE BELL* MINN MARIA GRECH GANADO, XOGĦOL ĠDID GĦADU FIL-PROĊESS

**KOTBA CALLEJA** | **RAINBOW HALL**

Qari ta' poeżija mill-ġabra *The Bell* li se tiġi ppubblikata fix-xhur li ġejjin minn Kotba Calleja. *The Bell* hija sensiela ta' poeżiji li, għalkemm iġorru l-preokkupazzjonijiet tipiċi u l-vuċi distinta ta' Maria Grech Ganado - iċ-ċelebrazzjoni tal-femminil u r-referenzi mitoloġiċi - jindikaw żvilupp u viżjoni ġdida fi ħsibijietha.  Huma poeżiji li kultant ixaqilbu lejn fataliżmu u dalma spiritwali li ma tinstabx fix-xogħol tagħha ta' qabel.



19:00-19:30

## L-ILMA - IBDA MINNEK

**ENERGY AND WATER AGENCY (EWA)** | **READERS' HUB**

L-ILMA - IBDA MINNEK hija kampanja edukattiva u ta' għarfien maħsuba sabiex ittejjeb u tagħmel aktar effiċjenti l-użu tar-riżorsi tal-ilma. Il-kampanja tgħin sabiex issir bidla fil-kultura tal-poplu dwar il-konservazzjoni tal-ilma. Waqt din is-sessjoni, se jsiru tliet esperimenti sabiex jgħinu lill-udjenza tifhem kunċetti bażiċi relatati mal-ilma. Ser ikollkom opportunità taraw kif tifforma sħaba fi flixkun tal-plastik, kif jitnaddaf l-ilma permezz ta' filtri u kif ikun l-ilma tal-pjan. Ejjew żuruna!

19:00-20:00

## JOE SACCO F'KONVERŻAZZJONI MA' JAMES DEBONO

**KNK** | **BLUE HALL**

Joe Sacco huwa wieħed mill-aqwa kartunisti fid-dinja. Żar diversi żoni fi kriżi u gwerra madwar id-dinja kollha u sarraf ir-riċerka tiegħu f'ġurnaliżmu grafiku, u huwa rikonoxxut globalment għall-komiks ta' rappurtaġġ tal-gwerra. Sacco se jkun qed jitkellem ma' James Debono, ġurnalista ewlieni fuq l-ambjent, u l-kwistjonijiet tal-ippjanar u l-użu tal-art mal-Malta Today. Wara l-intervista, Sacco se jkun qed jiffirma personalment kotba tiegħu.

19:00-20:00

## KWIŻŻ: MILL-BASLA TAX-XAGĦAR SA QASBET IS-SIEQ

**GĦAQDA TAL-MALTI - UNIVERSITÀ** | **AUTHORS' HUB**

L-Għaqda tal-Malti – Università se tistieden lil Nicole Farrugia Camilleri biex titkellem dwar il-qwiel marbutin mal-partijiet tal-ġisem, riċerka li għamlet għat-teżina tal-Baċellerat. Wara l-intervent ta' Farrugia Camilleri, l-udjenza se tieħu sehem fi kwiżż marbut mas-suġġett.

19:15-20:30

## ILTAQA' MAL-ARTIST: SESSJONI MA' TREVOR ŻAHRA

**IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI** | **ILLUSTRATORS' HUB**

Waqt dawn is-sessjonijiet, il-Kunsill Malti għall-Arti jistiednek biex tiltaqa' ma' wħud mill-aqwa illustraturi u pubblikaturi tal-kotba lokali. Fihom se niffokaw fuq l-introduzzjoni ta' udjenzi ta' kull età kif ukoll lil dawk li jaspiraw li jsiru artisti għad-dinja tal-illustrazzjoni. Dawn huma parti mill-programm tal-esebizzjoni *From Illustration to Book.*

**19:30-20:30**

### TNEDIJA TA' KTIEB: *THE FRONT PAGE ON THE FRONT LINE*

KLABB KOTBA MALTIN/MIDSEA BOOKS | RAINBOW HALL

Martin G. Debattista, il-ġurnalist veteran u riċerkatur ta' żmien il-gwerra, jippreżenta l-aħħar xogħol tiegħu, *The Front Page on the Front Line.* F'dan il-kiteb, Debattista janalizza l-irwol attiv tal-gazzetti Maltin matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Permezz ta' din l-analiżi jinnota li daqskemm il-propoganda kienet importanti kienet ukoll sempliċiment informazzjoni u avviżi.

**20:15-21:00**

### TAĦDITA: *L-IBLEH*

SKS | BLUE HALL

Mark Vella jagħti taħdita pubblika dwar ir-rumanz *L-Ibleh* (1948) ta' Ġużè Orlando, wieħed mill-klassiċi Maltin u opra kanonika tas-soċjorealiżmu Malti li bħalissa qed tiġi studjata fil-baċċelerat tal-Malti fl-Università, waqt li jinqraw siltiet minn dan ir-rumanz.





## IL-ĠIMGĦA 25 NOVEMBRU



**09:00-13:00**

### SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Din il-kamra toffri ambjent ideali għall-awtiżmu, (bi stimulazzjoni baxxa, b'oġġetti bażiċi sensorjali u riżorsi ideali għall-awtiżmu) tippermetti lit-tfal fuq l-ispettru aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer f'spazju sikur u inklussiv. Din il-kamra mmexxija mill-Fondazzjoni Inspire. Jingħata biss aċċess lil tfal akkumpanjati minn ġenituri jew edukaturi.

**10:00-10:30**

### SESSJONI TA' QARI: *L-EROJ TAL-ILMA*

ENERGY AND WATER AGENCY (EWA) | READERS' HUB

F'din l-istorja niltaqgħu ma' Wallace, ġuvnott li twieled fuq il-Pjaneta Ħadra. Din il-pjaneta bdiet tospita lill-ġenituri ta' Wallace u oħrajn minn meta ħarbu mill-Pjaneta Roża, li kien jisimha Dinja qabel ma l-ilma ġie kkontaminat u l-pjaneta saret roża. Darba Wallace laqtitu sajjetta u sab ruħu fid-Dinja, li kienet saret tant inabitabbli li kellu juża xi poteri sopranaturali tiegħu sabiex jesperjenza r-realtà kerha. Hemmhekk iltaqa' ma' Daniel u Wendy, tfal li kellhom jilbsu ilbies protettiv u maskra minħabba s-sħana insapportabbli, l-arja mniġġsa u l-ilma mniġġes. Minn hemm huma t-tlieta bdew il-missjoni tagħhom li jgħallmu fuq is-sostenibbiltà sabiex id-Dinja tibda tfiq.

**10:00-10:40**

### PRODUZZJONI ŻIGUŻAJG – PIĠAMA RRIGATA: ILTAQA' MA' JOHN BOYNE

THEATRE

Matul dan l-ispettaklu teatrali, adattat għal fuq il-palk minn Rebecca Camilleri u taħt id-direzzjoni tagħha wkoll, Gattaldo se joħloq illustrazzjonijiet dak il-ħin stess. L-istudenti se jkollhom ukoll l-opportunità speċjali li jaraw fuq il-palk lill-awtur ta' *The Boy in the Striped Pyjamas*, jaqra mir-rumanz tiegħu u jinteraġixxi mal-istudenti.

**11:00-11:30**

### SESSJONI TA' QARI: *A JOURNEY WITH THE ENERGETIC FOUR – THE RENEWABLES*

ENERGY AND WATER AGENCY (EWA) | READERS' HUB

Storja dwar tifel ta' għaxar snin li jismu Ben u li jibda vjaġġ mar-Renewables biex jifhem aħjar l-għażliet tal-enerġija preżenti u futuri.

**11:00-12:00**

## KELLEK XI DUBJU? – MHUX ISSAQSI LIL-LIBRAR!

MALTA LIBRARIES | AUTHORS' HUB

Kif titmexxa librerija? Kif tidher librerija fis-sena 2022? X'inhu l-irwol tal-librar u x'tinvolvi ġurnata xogħol ġewwa l-librerija? Hemm bżonn ta' ħafna nies u mhux librara biss biex titmexxa librerija... mela nistednukom tiġu ssaqsu u tiddiskutu mal-panel ta' esperti minn Malta Libraries.

**11:45-12:45**

## SESSJONI MILL-AWTUR MAT-TFAL U L-ĠENITURI

MERLIN LIBRARY | STAND MERLIN LIBRARY

Ingħaqad magħna biex tgħid kelma mal-awtriċi tal-kotba għat-tfal Mandy Tabone li se tkun qed titkellem fuq il-kotba tagħha u l-esperjenzi tagħha bħala awtriċi. Wara l-istess awtriċi se tkun qed tiffirma personalment il-kotba tagħha.

**12:00-12:30**

## SESSJONI TA' QARI: *L-ERBA' ŻGĦAŻAGĦ U L-KUMPANIJA TAL-ILMA*

ENERGY AND WATER AGENCY (EWA) | READERS' HUB

Dan il-ktieb jitkellem fuq Mark u t-tlett ħbieb tiegħu li lkoll jaħdmu ma' kumpanija responsabbli mill-ilma. Fil-fatt narawhom isiefru lejn Malta fejn Mark u Alexandra żaru impjant tar-Reverse Osmosis u raw kif jaħdmu s-sistemi ta' grey water, filwaqt li Keith u Amy żaru l-Impjant tad-Drenaġġ. Permezz ta' dawn l-esperjenzi huma bdew jaħdmu fuq sistemi simili għall-gżira tagħhom, tant li wara ftit snin iċ-ċittadini tal-gżira ma baqgħux isofru nuqqas ta' ilma.

**12:00-12:40**

## PRODUZZJONI ŻIGUŻAJG - PIĠAMA RRIGATA: ILTAQA' MA' JOHN BOYNE

THEATRE

Matul dan l-ispettaklu teatrali, adattat għal fuq il-palk minn Rebecca Camilleri u taħt id-direzzjoni tagħha wkoll, Gattaldo se joħloq illustrazzjonijiet dak il-ħin stess. L-istudenti se jkollhom ukoll l-opportunità speċjali li jaraw fuq il-palk lill-awtur ta' *The Boy in the Striped Pyjamas*, jaqra mir-rumanz tiegħu u jinteraġixxi mal-istudenti.

**17:00-17:45**

## SQALLIJA, BLIET U MITI

ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA | AUTHORS' HUB

Taħdita fuq il-kotba ta' Giuseppina Norcia, *A proposito di Elena u Siracusa: Dizionario sentimentale di una città* (Vanda Edizioni) b'moderazzjoni ta' Serena Alessi.

**17:00-19:00**

## SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Din il-kamra toffri ambjent ideali għall-awtiżmu, (bi stimulazzjoni baxxa, b'oġġetti bażiċi sensorjali u riżorsi ideali għall-awtiżmu) tippermetti lit-tfal fuq l-ispettru aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer f'spazju sikur u inklussiv. Din il-kamra mmexxija mill-Fondazzjoni Inspire. Jingħata biss aċċess lil tfal akkumpanjati minn ġenituri jew edukaturi.



**17:00-18:00**

## RAKKUNTAR TA' STEJJER PERMEZZ TA' MOVIMENT U ŻFIN (3 SA 6 SNIN)

FONDAZZJONI INSPIRE | SENSORY FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Sessjoni ta' qari organizzata mill-Fondazzjoni Inspire f'ambjent ideali għall-awtiżmu, li jippermetti aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer u li jirrispetta l-isfidi ta' tfal fuq l-ispettru tal-awtiżmu. Din is-sessjoni se tkun immirata għal tfal bejn tlieta u sitt snin u se tingħata minn Sarah Vella.

**17:30-18:30**

## ILTAQA' MAL-ARTIST: SESSJONI MAL-KOMUNITÀ MALTIJA TAL-ILLUSTRATURI

IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI | ILLUSTRATORS' HUB

Waqt dawn is-sessjonijiet, il-Kunsill Malti għall-Arti jistiednek biex tiltaqa' ma' wħud mill-aqwa illustraturi u pubblikaturi tal-kotba lokali. Fihom se niffokaw fuq l-introduzzjoni ta' udjenzi ta' kull età kif ukoll lil dawk li jaspiraw li jsiru artisti għad-dinja tal-illustrazzjoni. Dawn huma parti mill-programm tal-esibizzjoni *From Illustration to Book*.

**17:30-19:00**

## L-GĦOTI TA' PREMJIJIET: IL-KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA DOREEN MICALLEF 2022

KNK | BLUE HALL

Ingħaqdu magħna għat-tħabbir tar-rebbieħa u għal qari mill-poeti rebbieħa tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef ta' din is-sena. Waqt din l-attività, il-KNK se jħabbar ukoll kollaborazzjoni ma' *Modern Poetry Translation* (MPT), rivista dedikata għall-aqwa poeżija dinjija kontemporanja. Grazzi għal din il-kollaborazzjoni, fil-ħarġa tas-sajf tal-2023, MPT se tiddedika sezzjoni għall-poeżija Maltija tradotta bl-Ingliż.

**18:00-18:45**

## PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB: *NON È AL MOMENTO RAGGIUNGIBILE* (MONDADORI) BY VALENTINA FARINACCIO

ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA | AUTHORS' HUB

Preżentazzjoni ta' *Non è al momento raggiungibile* ta' Valentina Farinaccio, organizzata bi sħab mal-Festival tal-Ktieb ta' Katanja, u b'moderazzjoni ta' Simone Dei Pieri.

**18:00-19:00**

### RAKKUNTAR TA' STEJJER PERMEZZ TA' MOVIMENT U ŻFIN - (6 SA 12-IL SENA)

**FONDAZZJONI INSPIRE** | **SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL**

Sessjoni ta' rakkuntar ta' stejjer permezz ta' moviment u żfin organizzata mill-Fondazzjoni Inspire f'ambjent ideali għall-awtiżmu li jirrispetta l-isfidi ta' tfal fuq l-ispettru. Din is-sessjoni se tkun immirata għal tfal bejn sitta u tnax-il sena u se tingħata minn Sarah Vella.

**18:00-19:00**

### MEETUP

**WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA (WCM)** | **WCM STAND**

Iltaqa' ma' membri tal-Wikimedia Community Malta u tkellem magħhom dwar il-Wikipedija u proġetti oħra tal-Wikimedia, fosthom il-konkorsi annwali Wiki Loves Earth, Wiki Loves Folklore, Wiki Loves Monuments u r-Rebbiegħa CEE.

**18:30-19:00**

### L-ILMA - IBDA MINNEK

**ENERGY AND WATER AGENCY (EWA)** | **READERS' HUB**

L-ILMA - IBDA MINNEK hija kampanja edukattiva u ta' għarfien maħsuba sabiex ittejjeb u tagħmel aktar effiċjenti l-użu tar-riżorsi tal-ilma. Il-kampanja tgħin sabiex issir bidla fil-kultura tal-poplu dwar il-konservazzjoni tal-ilma. Waqt din is-sessjoni, se jsiru tliet esperimenti sabiex jgħinu lill-udjenza tifhem kunċetti bażiċi relatati mal-ilma. Ser ikollkom opportunità taraw kif tifforma sħaba fi flixkun tal-plastik, kif jitnaddaf l-ilma permezz ta' filtri u kif ikun l-ilma tal-pjan. Ejjew żuruna!

**19:00-19:45**

### TNEDIJA TA' KTIEB: *SAJF*, RUMANZ TA' RYAN FALZON

**KOTBA CALLEJA** | **ILLUSTRATORS' HUB**

Tnedija tal-ewwel rumanz minn Ryan Falzon. *Sajf* huwa rumanz bil-lipstick aħmar ittimbrat fuq għonqu. Huwa Sajf ta' karozzi antiki żarmati, xorb sfrenat u ħruq ta' stonku ttimbrat bil-wegħda persistenti ta' avventuri ma' kull kantuniera.

**19:00-20:00**

### QARI: MARIE GAMILLSCHEG MIR-RUMANZ TAGĦHA *AUFRUHR DER MEERESTIERE* (2022)

**GERMAN-MALTESE CIRCLE / UOM DEPARTMENT OF GERMAN** | **RAINBOW HALL**

Il-kittieba kontemporanja Awstrijaka Marie Gamillscheg, mistiedna speċjali tal-istand tal-kotba bil-Ġermaniż, se taqra mill-aħħar rumanz tagħha *Aufruhr der Meerestiere* (2022), li huwa nominat għall-Premju tal-Ktieb Ġermaniż. Ir-rumanz, li fih ħafna saffi, idur prinċiparjament mal-bijoloġista tal-baħar, Luise, u jittratta temi tipiċi li jirrigwardjaw il-familja, ix-xogħol u r-relazzjonijiet kumplessi bejn il-ġisem u l-persuna, il-mara u r-raġel, l-umani u l-annimali. Il-qari mill-kittieba se jkun segwit bi ffirmar tal-kotba u opportunità għall-udjenza biex tiltaqa' mal-kittieba. Dan l-avveniment huwa ġentilment sponsorjat mill-Ambaxxata Awstrijaka f'Malta.



**19:00-20:00**

### EDIT-A-THON

**WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA (WCM)** | **STAND WCM**

Il-membri ta' Wikimedia Community Malta jiltaqgħu regolarment biex itejbu l-Wikipedija u proġetti oħra ta' Wikimedia, bħal Wikidata u Wikimedia Commons. Ingħaqad magħna f'waħda minn dawn l-edit-a-toni fejn tista' taħdem ma' edituri ta' esperjenza fuq suġġetti li jinteressawk. Huwa meħtieġ li ġġib laptop personali miegħek biex tieħu sehem fl-edit-a-toni waqt il-festival.

**19:30-20:30**

### TAĦDITA FUQ KTIEB: *IN THE FOOTSTEPS OF ANTONELLO DA MESSINA* TA' CHARLENE VELLA

**MIDSEA BOOKS** | **BLUE HALL**

Dr Charlene Vella hija awtorità fl-arti u l-arkitettura Rinaxximentali f'Malta. Fl-aħħar xogħol tagħha, *In the footsteps of Antonello da Messina: The Anotenelliani between Sicily and Venice*, issegwi b'reqqa x-xogħol tal-aħwa Saliba minn Veneto għal Malta, u għal kull raħal fi Sqallija li kkummissjona xogħolhom. Dan l-istudju jidħol f'dibattitu usa' fuq il-mobbiltà, il-migrazzjoni u l-iskambju artistiku, waqt li simultanjament jiżvela kif il-legat artistiku ta' Antonello u l-espożizzjoni ta' familtu lejn Venezja rawmet Rinaxximent minsi ta' pitturi fi Sqallija, Kalabrija u Malta.

**19:30-20:30**

### TNEDIJA TA' KTIEB: *L-ANTOLOĠIJA TAL-LETTERATURA MQARBA*

**DAR CAMILLERI** | **AUTHORS' HUB**

Dar Camilleri ser tkun qed tniedi l-ewwel antoloġija letterarja tagħha: *L-Antoloġija tal-Letteratura Mqarba*. L-antoloġija hija kollezzjoni ta' letteratura ċċensurata u trasgressiva li mbuttat il-limiti fil-letteratura Maltija. L-awturi fl-antoloġija jinkludu lil Alfred Buttigieg, Immanuel Mifsud, Ġużè Stagno, Karl Schembri, Loranne Vella u Alex Vella Gera. L-antoloġija għandha wkoll kummentarju ta' James Debono, Mark Camilleri, Katryna Storace u Mark Vella.

# ŻiguŻajg

Arts Festival for Children & Young People

# FESTIVAL



**18-27 NOVEMBER 2022**

Din is-sena, il-Festival Internazzjonali tal-Arti għat-Tfal u ż-Żgħażagħ ŻiguŻajg u l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ngħaqdu flimkien! L-ewwel għodwiet tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022, nhar l-Erbgħa, it-23, nhar il-Ħamis, l-24 u l-Ġimgħa, il-25 ta' Novembru se jkunu ddedikati b'mod speċjali għall-istudenti mill-iskejjel f'Malta u Għawdex. Il-Festival ta' Żigużajg ħejja programm speċjali għat-tfal li rreġistraw mal-iskejjel tagħhom biex jieħdu sehem fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. L-attivitajiet jinkludu spettakli ispirati mir-rebbieħa tal-Premju Terramaxka 2022 u spettaklu li fih l-istudenti se jkollhom l-opportunità jiltaqgħu personalment ma' John Boyne, l-awtur ta' *The Boy in the Striped Pyjamas*! Ir-reġistrazzjonijiet għal dawn l-ispettakli li se jittellgħu filgħodu huma kollha magħluqin.

### *RIDE THE FEELING:* ETAJIET: 0-7

Tul: 35 minuta

Lingwa: Ingliż

**KAST U TIM KREATTIV**

Direzzjoni u Adattament: Prickly Pear Productions

Artisti: Zoë Alba Farrugia u Chantelle Micallef Grimaud

### *VJAĠĠ BIL-BALLUN:* AGE 8-12

Tul: 35 minuta

Lingwa: Malti

**KAST U TIM KREATTIV**

Direzzjoni u Adattament: Prickly Pear Productions

Artisti: Chantelle Micallef Grimaud u Sean Briffa

### *PIĠAMA RRIGATA:* ILTAQA' MA' JOHN BOYNE: ETAJIET KOLLHA

Tul: 30-40 minuta

Lingwa: Ingliż

**KAST U TIM KREATTIV**

Direzzjoni: Rebecca Camilleri

Assistenta tal-Palk: Julia Camilleri

Illustratur: Gattaldo

Narratur: Myron Ellul

Artisti: Jamie Iles, Beppe Radmilli, Myron Ellul

Matul tmiem il-ġimgħa, il-produzzjoni ta' żfin ***COCO, THE SINGER AND THE CHOCOLATE FINGER*** se tittella' wkoll fit-teatru tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.

Tista' tixtri l-biljett tiegħek minn https://www.ziguzajg.org jew billi tiskennja l-barcode.

*Il-Festival Internazzjonali tal-Arti għat-Tfal u ż-Żgħażagħ ŻiguŻajg huwa l-unika festival f'Malta mmirat speċifikament għat-tfal u ż-żgħażagħ, bi preżentazzjoni ta' programm intriganti ta' produzzjonijiet internazzjonali u xogħol ġdid ikkummisjonat, li jittella' annwalment. Mindu beda fl-2010, il-programm tal-festival ta' ŻiguŻajg dejjem issaħħaħ, u sar pedament tal-kalendarju kulturali kemm f'Malta kif ukoll lil hinn.*

**www.ziguzajg.org**

**19:30-21:00**

### JOHN BOYNE F'KONVERŻAZZJONI MA' LEANNE ELLUL — KNK — THEATRE

John Boyne, l-awtur ta' *The Boy in the Striped Pyjamas* (David Fickling Books, 2006), u ħafna bestsellers internazzjonali oħra, se jkun magħna waqt it-tour tal-aħħar rumanz tiegħu, *All the Broken Places* (Penguin, 2022), sequel b'saħħtu li ntlaqa' tajjeb mill-kritiċi tar-rumanz imsemmi qabel, li jittratta s-sens ta' ħtija u l-kompliċità wara l-Olokawst. L-awtur ċelebri se jkun qed jitkellem ma' Leanne Ellul, l-awtriċi tar-rumanz rebbieħ għall-addolexxenti *Gramma* (Merlin, 2015), u *Bjuda* (2022) fost xogħlijiet oħra. Wara l-intervista, l-awtur se jiffirma personalment xogħlijiet tiegħu.

**20:00-20:30**

### L-ILMA - IBDA MINNEK — ENERGY AND WATER AGENCY (EWA) — READERS' HUB

L-ILMA - IBDA MINNEK hija kampanja edukattiva u ta' għarfien maħsuba sabiex ittejjeb u tagħmel aktar effiċjenti l-użu tar-riżorsi tal-ilma. Il-kampanja tgħin sabiex issir bidla fil-kultura tal-poplu dwar il-konservazzjoni tal-ilma. Waqt din is-sessjoni, se jsiru tliet esperimenti sabiex jgħinu lill-udjenza tifhem kunċetti bażiċi relatati mal-ilma. Ser ikollkom opportunità taraw kif tifforma sħaba fi flixkun tal-plastik, kif jitnaddaf l-ilma permezz ta' filtri u kif ikun l-ilma tal-pjan. Ejjew żuruna!





## IS-SIBT 26 NOVEMBRU

**09:30-10:15**

### SESSJONI TA' QARI MA' LUCIENNE CASSAR — PANDORA BOOKS — AUTHORS' HUB

Lucienne Cassar se taqra siltiet mill-kotba tagħha f'sessjoni interattiva b'mużika, logħob u attivitajiet oħra.

**09:30-11:00**

### SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Din il-kamra toffri ambjent ideali għall-awtiżmu, (bi stimulazzjoni baxxa, b'oġġetti bażiċi sensorjali u riżorsi ideali għall-awtiżmu) tippermetti lit-tfal fuq l-ispettru aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer f'spazju sikur u inklussiv. Din il-kamra mmexxija mill-Fondazzjoni Inspire. Jingħata biss aċċess lil tfal akkumpanjati minn ġenituri jew edukaturi.

**10:00-11:00**

### *THREE LITTLE PIGS* (3 SA 6 SNIN) — FONDAZZJONI INSPIRE — SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Sessjoni ta' qari organizzata mill-Fondazzjoni Inspire f'ambjent ideali għall-awtiżmu, li jippermetti aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer u li jirrispetta l-isfidi ta' tfal fuq l-ispettru tal-awtiżmu. Din is-sessjoni se tkun immirata għal tfal bejn tlieta u sitt snin u se tingħata minn Jasmine Cilia, Petra Farrugia u Rebecca Ferrito.

**10:00-11:00**

### TAĦDITA: *SOCIETY FASHION IN MALTA* BY CAROLINE TONNA — MIDSEA BOOKS — BLUE HALL

F'dan il-ktieb ġdid, ippubblikat mal-Fondazzjoni Patrimonju Malti (FPM), Caroline Tonna tiddiskuti l-moda f'Malta kif tidher mil-lenti ta' Leandro Preziosi. Preziosi, artist pijunier tal-kamera ferm kompetenti, kien għall-moda f'Malta tas-seklu dsatax simili għal li kien Antoine Favray għaliha fis-seklu tmintax mingħajr il-benefiċċju tal-kulur. Irrekordja bi preċiżjoni u mħabba dak li fil-ħwejjeġ kien indiġenu, u dak li kien kosmopolitan. Ir-ritratti ta' persuni minn rashom sa saqajhom immortalizzaw il-ħwejjeġ milbusa bħala parti integrali tal-persona ta' min kien qed quddiem il-lenti tiegħu.

10:00-11:00

### PINĠI MA' GATTALDO: WORKSHOP ESKLUSSIV GĦAL TFAL BEJN 7 U 12-IL SENA | KNK | ILLUSTRATORS' HUB

Ingħaqad mal-illustratur Gattaldo, l-awtur tal-ktieb tat-tfal, *Il-Ġurnalista*, u l-kreatur tal-poster tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ta' din is-sena, għal sessjoni ta' illustrazzjoni ta' darba mmirata għal tfal bejn sebgħa u tnax-il sena. Matul din is-siegħa ta' gost, il-parteċipanti se jkunu inkuraġġiti biex jgħaqqdu l-viżwali mal-kliem, u jersqu biex jifhmu aħjar in-narrattiva u l-messaġġ emozzjonali tagħha. Karti u kuluri se jkunu pprovduti. Jenħtieġ tirreġistra (spazju limitat għal 20 tifel jew tifla).

11:00-12:00

### TNEDIJA TA' KTIEB: *ASHER AND THE EXTRAORDINARY JOURNEY* TA' CARL-THOMAS TONNA | RAINBOW HALL

Carl-Thomas Tonna kiteb dan il-ktieb waqt il-lockdown tal-pandemija tal-Covid. Il-ktieb hu mqassam fuq erba' stejjer qosra li jduru ma' erba' żgħażagħ u l-avventuri li jgħaddu minnhom. L-isfidi u ċ-ċirkostanzi mħabblin huma l-qofol ta' dawn l-istejjer qosra. Wieħed irid jaqra l-ktieb biex jiskopri kif dawn l-erbat iħbieb jirnexxilhom iwettqu l-missjonijiet tagħhom li jiżvolġu madwar sitwazzjonijiet diffiċli. Waqt dan l-avveniment Carl se jkun qed jintroduċi u jiffirma l-ewwel ktieb tiegħu.

11:00-12:00

### SIMON TREWIN - QRARA TA' AĠENT LETTERARJU | KNK | AUTHORS' HUB

F'din l-attività, l-aġent letterarju veteran se jirrifletti fuq it-tranżizzjoni li għaddiet minnha d-dinja globali tal-pubblikazzjoni mill-bidu tad-disgħinijiet 'l hawn, u se jitkellem fuq l-irwol tal-aġent biex jimmassimizza l-potenzjal tal-awtur minn perspettiva kreattiva u ta' negozju. Bħala aġent li ħadem ma' diversi awturi bestsellers, fosthom John Boyne, u li ħadem fid-dinja tal-ktieb, il-film, it-teatru u d-diġitali, Trewin għandu biżżejjed esperjenza biex jitkellem fuq l-irwol tal-aġent u jwieġeb mistoqsijiet minn awturi prospettivi jew diġà ppubblikati, u individwi li jridu jibdew karriera fil-pubblikazzjoni. Jenħtieġ tirreġistra.

11:00-12:00

### MEETUP | WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA (WCM) | STAND WCM

Iltaqa' ma membri tal-Wikimedia Community Malta u tkellem magħhom dwar il-Wikipedija u proġetti oħra tal-Wikimedia, fosthom il-konkorsi annwali Wiki Loves Earth, Wiki Loves Folklore, Wiki Loves Monuments u r-Rebbiegħa CEE.

11:15-12:00

### TNEDIJA TA' KTIEB: *TITA TMISS L-ART* BY GLEN CALLEJA AND CLARE AZZOPARDI | KOTBA CALLEJA | BLUE HALL

Tita tgħix f'pajjiż ta' krejnijiet marbuta mas-smewwiet. Darba waħda ġew ferroviji ta' rwiefen u kaxkru 'l-kbar. Baqa' biss it-tfal. U sajjetti u ragħad u xitat ma jaqtgħux. Il-Maltempi xeħtu għajnejhom fuq il-krejn ta' Tita. Tita ma tistax tibqa' ma tagħmel xejn.

11:30-12:30

### SESSJONI TA' INFORMAZZJONI | IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI | ILLUSTRATORS' HUB

Ingħaqad magħna għal din is-sessjoni biex tinforma ruħek fuq il-proġetti u l-iskemi ta' finanzjament tal-Kunsill Malti għall-Arti li huma dedikati biex jappoġġaw lill-artisti, il-kreattivi, u lil dawk kollha li għandhom passjoni għall-arti.

12:00-13:00

### *THE VERY HUNGRY CATERPILLAR* (6 SA 12-IL SENA) | FONDAZZJONI INSPIRE | SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Sessjoni ta' qari organizzata mill-Fondazzjoni Inspire f'ambjent ideali għall-awtiżmu, li jippermetti aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer u li jirrispetta l-isfidi ta' tfal fuq l-ispettru tal-awtiżmu. Din is-sessjoni se tkun immirata għal tfal bejn sitta u tnax-il sena u se tingħata minn Stefany Munoz.

12:00-15:00

### SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Din il-kamra toffri ambjent ideali għall-awtiżmu, (bi stimulazzjoni baxxa, b'oġġetti bażiċi sensorjali u riżorsi ideali għall-awtiżmu) tippermetti lit-tfal fuq l-ispettru aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer f'spazju sikur u inklussiv. Din il-kamra mmexxija mill-Fondazzjoni Inspire. Jingħata biss aċċess lil tfal akkumpanjati minn ġenituri jew edukaturi.

12:30-14:30

### SPEED DATE LETTERARJA | KNK | READERS' HUB

Opportunità unika ta' 15-il minuta biex tiltaqa' ma' personalijiet differenti fid-dinja tal-pubblikazzjoni f'ambjent privat: aqbeż il-kju u sib ruħek quddiem pubblikatur, distributur, aġent, editur, stampatur, illustratur, disinjatur, espert tal-fondi jew avukat tad-drittijiet tal-awtur. Jenħtieġ tibbukkja.

**13:30-15:00**

### *PIRATES OF MALTALAND!* (6 SA 12-IL SENA)

**FONDAZZJONI INSPIRE** **SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL**

Sessjoni ta' qari organizzata mill-Fondazzjoni Inspire f'ambjent ideali għall-awtiżmu, li jippermetti aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer u li jirrispetta l-isfidi ta' tfal fuq l-ispettru. Din is-sessjoni se tkun immirata għal tfal bejn sitta u tnax-il sena u se tingħata minn Geraldine.

**14:00-15:00**

### TAĦDITA: AWTOPPUBBLIKAR - ENFASI FUQ IL-KWALITÀ

**AUTHORS' HUB**

Kittieba li jiddeċiedu jippubblikaw ix-xogħol tagħhom stess sikwit jaħsbu li jridu jagħmlu kollox weħidhom. Sabiex ktieb ippubblikat mill-awtur stess jittieħed bis-serjetà, jeħtieġ jilħaq l-istess livell għoli miżmum mid-djar tal-pubblikazzjoni. Waqt din it-taħdita se niddiskutu r-rotta għall-ippubblikar mill-awturi stess u kif il-professjonisti tal-industrija jistgħu jassiguraw pubblikazzjoni ta' kwalità għolja. Din it-taħdita se tkun immoderata mill-awtur John Bonello, bil-parteċipazzjoni tal-editriċi Elizabeth Cortis, il-qarrej tal-provi Dwayne Ellul, u l-illustratur u disinjatur Julian Mallia.

**15:00-16:00**

### ĊERIMONJA TA' GĦOTI TA' PREMJU: KONKORS TA' KITBA BIL-ĠERMANIŻ 'TIERWELTEN'

**GERMAN-MALTESE CIRCLE / DEPARTMENT OF GERMAN, UOM** **BLUE HALL**

Ir-rebbieħa tal-konkors tal-kitba bil-Ġermaniz ' Dinijiet tal-Annimali' (*TierWelten*) imnedija fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, se jkunu mistiedna għal din iċ-ċerimonja ta' għoti tal-premjijiet.

**15:00-16:00**

### SPETTAKLU BIL-MARJUNETTI U QARI TA' STEJJER

**MERLIN LIBRARY** **RAINBOW HALL**

Il-marjunettti jitkellmu? Ingħaqad magħna għal sessjoni ta' rakkontar ta' stejjer. L-awtriċi tal-kotba għat-tfal, Mandy Tabone, se tkun qed taqra xi stejjer għat-tfal waqt li l-pupazzier Sean Briffa ta' Briffa Animation se jkun qed janima din is-sessjoni divertenti flimkien ma' sħabu l-marjunetti. Il-postijiet huma limitati u tista' tibbukkja permezz ta' email mhux aktar tard mis-16 ta' Novembru lil mail@merlinlibrary.com. Min jibgħat l-ewwel, jinqeda l-ewwel.

**16:00-17:00**

SKENNJA GĦALL-BILJETT

Żigużajg
Arts for Children & Young People

### PRODUZZJONI ŻIGUŻAJG: COCO THE SINGER AND THE CHOCOLATE FINGER (8 SNIN U AKBAR)

**THEATRE**

Produzzjoni teatrali għal tfal minn 8 snin 'il fuq. Kellha erbgħin sena u kienet waħedha d-dar bil-fjuri biss joffru kumpanija. Dawn kienu żminijiet iddisprati għaliha u għalhekk kellha tieħu passi drastiċi. Li kienet sabiħa u b'għajnejha jixegħlu bħal meta kienet għadha żgħira, bla dubju li malajr terġa' ssir popolari. Semgħet dwar it-Teabags u x-xorb maġiku tagħhom, li bl-islogan famuż tagħhom kienu jiddikjaraw li, "Ikun xi jkun id-difett tiegħek, it-te ' illuminice' jikkurak." X'se titlef jekk tistaqsi u tiskopri għaliha nnifisha?



**16:00-17:00**

### WIKIPEDIA EDITING WORKSHOP

**WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA (WCM)** **BLUE HALL**

Kulħadd jaf x'inhi l-Wikipedija, imma kont taf li int ukoll tista' ssir editur tagħha, flimkien ma' eluf oħra ta' nies bħalek madwar id-dinja? F'dan il-workshop tiskopri sew kif taħdem il-Wikipedija u proġetti oħra tal-Wikimedia u b'hekk tkun tista' tieħu sehem fl-edit-a-toni ta' Wikimedia Community Malta waqt il-Festival u wara.

**16:00-17:30**

### ILTAQA' MAL-ARTIST: SESSJONI MA' CHRIS GRUPPETTA U JOSEPH MIZZI

**IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI** **ILLUSTRATORS' HUB**

Waqt dawn is-sessjonijiet, il-Kunsill Malti għall-Arti jistiednek biex tiltaqa' ma' wħud mill-aqwa illustraturi u pubblikaturi tal-kotba lokali. Fihom se niffokaw fuq l-introduzzjoni ta' udjenzi ta' kull età kif ukoll lil dawk li jaspiraw li jsiru artisti għad-dinja tal-illustrazzjoni. Dawn huma parti mill-programm tal-esibizzjoni *From Illustration to Book*.

**17:00-18:00**

### TNEDIJA TA' KOTBA: *SCINTILLAS: NEW MALTESE WRITING 2* U *THE LIVES AND DEATHS OF K. PENZA*

**PRASPAR PRESS** **AUTHORS' HUB**

L-edituri u l-kofundaturi tad-dar tal-pubblikazzjoni bbażata f'Londra Praspar Press, Kat Storace u Jen Calleja, se jippreżentaw żewġ pubblikazzjonijiet ġodda tal-letteratura Maltija bl-Ingliż jew maqluba fl-Ingliż. Dawn huma t-tieni antoloġija tagħhom ta' finzjoni kontemporanja Maltija, poeżija u esejs, *Scintillas: New Maltese Writing 2*, u *The Lives and Deaths of K. Penza* li huwa t-traduzzjoni għall-Ingliż minn Albert Gatt tar-rumanz ta' Clare Azzopardi *Castillo*. Iż-żewġ pubblikazzjonijiet ġew megħjuna mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

**17:00-18:00**

### THE CLOWN TELLS A STORY! (6 SA 12-IL SENA)

**FONDAZZJONI INSPIRE** **SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL**

Sessjoni ta' qari organizzata mill-Fondazzjoni Inspire f'ambjent ideali għall-awtiżmu, li jippermetti aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer u li jirrispetta l-isfidi ta' tfal fuq l-ispettru. Din is-sessjoni se tkun immirata għal tfal bejn sitta u tnax-il sena u se tingħata minn John Papasin u Jennifer Taccone.

IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2022

17:15-18:00

## ALBERT CAMUS U ANNIE ERNAUX, ŻEWĠ REBBIEĦA FRANĊIŻI TAL-PREMJU NOBEL GĦAL-LETTERATURA | L-AMBAXXATA FRANĊIŻA F'MALTA | BLUE HALL

Il-Professur Anthony (Toni) Aquilina u Dr Marilyn Mallia, mid-Dipartiment tal-Franċiż tal-Università ta' Malta, se jitkellmu dwar Annie Ernaux (1940), ir-rebbieħa tal-Premju Nobel għal-Letteratura ta' din is-sena, u se janalizzaw il-kontribuzzjoni tagħha fil-qasam tal-memorja kollettiva fil-letteratura femminili. Il-Professur Aquilina se jippreżenta wkoll it-traduzzjoni tiegħu ta' *L'Exil et le Royaume* għall-Malti, kapolavur ta' rebbieħ tal-istess premju, Albert Camus (1913-1960). M. Renauld Lallement, il-Konsulent Kulturali tal-Ambaxxata Franċiża, se jimmodera d-diskussjoni.

18:00-19:00

## MEETUP | WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA (WCM) | STAND WCM

Iltaqa' ma' membri tal-Wikimedia Community Malta u tkellem magħhom dwar il-Wikipedija u proġetti oħra tal-Wikimedia, fosthom il-konkorsi annwali Wiki Loves Earth, Wiki Loves Folklore, Wiki Loves Monuments u r-Rebbiegħa CEE.

18:00-19:00

## THE CLOWN TELLS A STORY! (6 SA 12-IL SENA) | FONDAZZJONI INSPIRE | SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Sessjoni ta' qari organizzata mill-Fondazzjoni Inspire f'ambjent ideali għall-awtiżmu, li jippermetti aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer u li jirrispetta l-isfidi ta' tfal fuq l-ispettru. Din is-sessjoni se tkun immirata għal tfal bejn sitta u tnax-il sena u se tingħata minn John Papasin u Jennifer Taccone.

18:15-19:30

## DISKUSSJONI: X'TISWA STAMPA – FOROM TA' RAKKUNTAR TA' STEJJER VIŻWALI | KNK | BLUE HALL

Ħafna mill-istejjer stampati, fattwali jew immaġinati, qabelxejn jiddependu mill-kelma biex jirrappurtaw x'seħħ, jixprunaw l-immaġinazzjoni, jew iwasslu messaġġ. Ladarba nikbru u mmorru lil hinn mill-kotba tal-istampi, l-istampi jitqiesu bħala sempliċiment akkumpanjament tat-test. Din id-diskussjoni se tlaqqa' flimkien ġurnalisti u prattikanti kreattivi li bil-mod uniku tagħhom ipoġġu l-immaġni fuq quddiem tal-proċess tar-rakkuntar ta' storja. Din id-diskussjoni se tkun immoderata minn Teodor Reljić, bil-parteċipazzjoni tal-kartunista Joe Sacco, il-fotoġurnalista Joanna Demarco u l-illustratur Gattaldo.

18:30-19:15

## IL-PRODUZZJONI TAL-KOTBA | GUTENBERG PRESS | ILLUSTRATORS' HUB

Ingħaqdu magħna għal seminar dwar kif isir il-ktieb u informa ruħek fuq il-proċess sħiħ fil-produzzjoni tal-ktieb - mill-aspett tad-disinn sal-proċess tal-produzzjoni li jwassal finalment għall-ktieb illegat.



18:30-19:30

## SESSJONI TA' QARI MA' NICOLA KEARNS | AUTHORS' HUB

L-awtriċi Irlandiża bestseller Nicola Kearns se taqra siltiet mit-tliet rumanzi tagħha - *Under a Maltese Sky*, *The Azure* u *All the the Seas Between*. Se titkellem kif waqt btala tħabbet ma' Malta u dan ispira l-isfond tar-rumanzi tagħha. Waqt l-attività se jkun hemm għall-wiri manuskritti oriġinali tan-noti li tieħu waqt il-ħafna vjaġġi ta' riċerka tagħha. Nicola se tirrakkonta inċidenti komiċi li għaddiet minnhom, flimkien ma' nies li ltaqgħet magħhom waqt li kienet Malta. Waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, Kearns se jkollha kopji tar-rumanzi tagħha għall-bejgħ li jistgħu jiġu ffirmati personalment mill-awtriċi.

19:00-19:30

## L-ILMA - IBDA MINNEK | ENERGY AND WATER AGENCY (EWA) | READERS' HUB

L-ILMA - IBDA MINNEK hija kampanja edukattiva u ta' għarfien maħsuba sabiex ittejjeb u tagħmel aktar effiċjenti l-użu tar-riżorsi tal-ilma. Il-kampanja tgħin sabiex issir bidla fil-kultura tal-poplu dwar il-konservazzjoni tal-ilma. Waqt din is-sessjoni, se jsiru tliet esperimenti sabiex jgħinu lill-udjenza tifhem kunċetti bażiċi relatati mal-ilma. Ser ikollkom opportunità taraw kif tifforma sħaba fi flixkun tal-plastik, kif jitnaddaf l-ilma permezz ta' filtri u kif ikun l-ilma tal-pjan. Ejjew żuruna!

19:00-20:00

## EDIT-A-THON | WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA (WCM) | STAND WCM

Il-membri ta' Wikimedia Community Malta jiltaqgħu regolarment biex itejbu l-Wikipedija u proġetti oħra ta' Wikimedia, bħal Wikidata u Wikimedia Commons. Ingħaqad magħna f'waħda minn dawn l-edit-a-toni fejn tista' taħdem ma' edituri ta' esperjenza fuq suġġetti li jinteressawk. Huwa meħtieġ li ġġib laptop personali miegħek biex tieħu sehem fl-edit-a-toni waqt il-festival.

19:30-20:30

## DISKUSSJONI: XEJN ĠDID TAĦT IL-KAPPA TAX-XEMX? IL-ĠURNALIŻMU F'MALTA 20 SENAWARA R-RUMANZ | MERLIN PUBLISHERS | RAINBOW HALL

Għoxrin sena wara l-pubblikazzjoni ta' *Taħt il-Kappa tax-Xemx* ta' Karl Schembri, Merlin Publishers qed jiċċelebraw edizzjoni ġdida b'diskussjoni dwar il-ġurnaliżmu Malti. Xi nbidel minn dakinhar 'l

hawn? Fejn għadu jniggeż dan il-ktieb dwar il-ġurnaliżmu imma wkoll dwar Malta? Jew veru l-każ li 'xejn ġdid taħt il-kappa tax-xemx'? Ingħaqdu mal-awtur flimkien ma' Claire Bonello, Matthew Caruana Galizia, Immanuel Mifsud u Mark Vella f'diskussjoni mmexxija mill-editur Matthew Vella.

19:30-20:30

### POEŻIJA SLAM
GĦAQDA TAL-MALTI - UNIVERSITÀ | ILLUSTRATORS' HUB

Il-membri tal-udjenza jikkompetu kontra xulxin bil-poeżiji oriġinali tagħhom li jagħmlu parti minn ġeneru li mhux esplorat lokalment. Din il-forma ta' poeżija hija performattiva, aktar teatrali milli moqrija, u tittratta temi attwali.

19:30-21:00

### WIRI TA' FILM: RENA BALZAN, REBBIEĦA TAL-PREMJU GĦALL-KONTRIBUT SIEWI FIL-QASAM TAL-KOTBA U L-LETTERATURA 2021
KNK | THEATRE

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb se jkun qed ifakkar il-kisbiet letterarji ta' Rena Balzan, ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura tas-sena l-oħra, permezz ta' film li nħadem esklussivament għal dan l-avveniment minn Nest Creative. Balzan kitbet kemm rumanzi psikoloġiċi kif ukoll ġabriet ta' poeżija, u hija wkoll waħda mill-ewwel nisa Maltin li kellha karriera ta' suċċess fir-riċerka xjentifika. Wara l-film, se jkun hemm diskussjoni bejn Rena Balzan u Charles Briffa, immoderata minn Kit Azzopardi.

20:00-20:30

### L-ILMA - IBDA MINNEK
ENERGY AND WATER AGENCY (EWA) | READERS' HUB

L-ILMA - IBDA MINNEK hija kampanja edukattiva u ta' għarfien maħsuba sabiex ittejjeb u tagħmel aktar effiċjenti l-użu tar-riżorsi tal-ilma. Il-kampanja tgħin sabiex issir bidla fil-kultura tal-poplu dwar il-konservazzjoni tal-ilma. Waqt din is-sessjoni, se jsiru tliet esperimenti sabiex jgħinu lill-udjenza tifhem kunċetti bażiċi relatati mal-ilma. Ser ikollkom opportunità taraw kif tifforma sħaba fi flixkun tal-plastik, kif jitnaddaf l-ilma permezz ta' filtri u kif ikun l-ilma tal-pjan. Ejjew żuruna!

20:00-21:00

### TNEDIJA TA' KTIEB: *IR-RE BORG* TA' ALEKS FARRUGIA
SKS | AUTHORS' HUB

Matul is-serata, l-awtur ta' *Ir-Re Borg* se jkun intervistat dwar dan ir-rumanz hekk imsejjaħ rumanz elettorali, imma l-aqwa biċċa se tkun meta l-pubbliku se jkun jista' jisma' lir-Re Borg innifsu jfisser il-programm politiku tal-Partit Monarkiku Malti.



## IL-ĦADD 27 NOVEMBRU

09:30-11:00

### SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Din il-kamra toffri ambjent ideali għall-awtiżmu (bi stimulazzjoni baxxa, b'oġġetti bażiċi sensorjali u riżorsi ideali għall-awtiżmu) tippermetti lit-tfal fuq l-ispettru aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer f'spazju sikur u inklussiv. Din il-kamra mmexxija mill-Fondazzjoni Inspire. Jingħata biss aċċess lil tfal akkumpanjati minn ġenituri jew edukaturi.

09:30-11:00

### THE CLOWN TELLS A STORY! (3 SA 6 SNIN)
FONDAZZJONI INSPIRE | SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Sessjoni ta' qari organizzata mill-Fondazzjoni Inspire f'ambjent ideali għall-awtiżmu, li jippermetti aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer u li jirrispetta l-isfidi ta' tfal fuq l-ispettru. Din is-sessjoni se tkun immirata għal tfal bejn tlieta u sitt snin u se tingħata minn John Papasin u Jennifer Taccone.

10:30-12:00

### IL-PRESIDENT GEORGE VELLA JIFFIRMA L-KOTBA *TISJIR MILL-QALB*
AGENDA BOOKSHOP | AGENDA BOOKSHOP STAND

Sessjoni ta' ffirmar tal-ktieb *Tisjir mill-Qalb* mal-President George Vella u s-Sa Vella b'risq il-Malta Community Chest Fund Foundation.

11:00-11:30

### L-ILMA - IBDA MINNEK
ENERGY AND WATER AGENCY (EWA) | READERS' HUB

L-ILMA - IBDA MINNEK hija kampanja edukattiva u ta' għarfien maħsuba sabiex ittejjeb u tagħmel aktar effiċjenti l-użu tar-riżorsi tal-ilma. Il-kampanja tgħin sabiex issir bidla fil-kultura tal-poplu dwar il-konservazzjoni tal-ilma. Waqt din is-sessjoni, se jsiru tliet esperimenti sabiex jgħinu lill-udjenza tifhem kunċetti bażiċi relatati mal-ilma. Ser ikollkom opportunità taraw kif tifforma sħaba fi flixkun tal-plastik, kif jitnaddaf l-ilma permezz ta' filtri u kif ikun l-ilma tal-pjan. Ejjew żuruna!

**11:00-11:45**

### TNEDIJA TA' KTIEB: *TITA TMISS L-ART* TA' GLEN CALLEJA U CLARE AZZOPARDI

KOTBA CALLEJA | AUTHORS' HUB

Tita tgħix f'pajjiż ta' krejnijiet marbuta mas-smewwiet. Darba waħda ġew ferroviji ta' rwiefen u kaxkru 'l-kbar. Baqa' biss it-tfal. U sajjetti u ragħad u xitat ma jaqtgħux. Il-Maltempi xeħtu għajnejhom fuq il-krejn ta' Tita. Tita ma tistax tibqa' ma tagħmel xejn.

**11:00-12:00**

SKENNJA GĦALL-BILJETT

Żigużajg Arts for Children & Young People

### PRODUZZJONI ŻIGUŻAJG: COCO THE SINGER AND THE CHOCOLATE FINGER (8 SA 12-IL SENA)

THEATRE

Produzzjoni teatrali għal tfal minn 8 snin 'il fuq. Kellha erbgħin sena u kienet waħedha d-dar bil-fjuri biss joffru kumpanija. Dawn kienu żminijiet iddisprati għaliha u għalhekk kellha tieħu passi drastiċi. Li kienet sabiħa u b'għajnejha jixegħlu bħal meta kienet għadha żgħira, bla dubju li malajr terġa' ssir popolari. Semgħet dwar it-Teabags u x-xorb maġiku tagħhom, li bl-islogan famuż tagħhom kienu jiddikjaraw li, "Ikun xi jkun id-difett tiegħek, it-te ' illuminice' jikkurak." X'se titlef jekk tistaqsi u tiskopri għaliha nnifisha?

**11:00-12:00**

### SPETTAKLU BIL-MARJUNETTI U QARI TA' STEJJER

MERLIN LIBRARY | RAINBOW HALL

Il-marjunetti jitkellmu? Ingħaqad magħna għal sessjoni ta' rakkontar ta' stejjer. L-awtriċi tal-kotba għat-tfal, Mandy Tabone se tkun qed taqra xi stejjer għat-tfal waqt li l-pupazzier Sean Briffa ta' Briffa Animation se jkun qed janima din is-sessjoni divertenti flimkien ma' sħabu l-marjunetti. Il-postijiet huma limitati u tista' tibbukkja permezz ta' email mhux aktar tard mis-16 ta' Novembru lil mail@merlinlibrary.com. Min jibgħat l-ewwel, jinqeda l-ewwel.

**11:00-12:00**

### MEETUP

WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA (WCM) | STAND WCM

Iltaqa' ma' membri tal-Wikimedia Community Malta u tkellem magħhom dwar il-Wikipedija u proġetti oħra tal-Wikimedia, fosthom il-konkorsi annwali Wiki Loves Earth, Wiki Loves Folklore, Wiki Loves Monuments u r-Rebbiegħa CEE.

**14:00-15:00**

### TNEDIJA TA' KOTBA: *MIKELIN* U *NOÈ E LO SCOIATTOLO GIOCHERELLONE*

NBC AND ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA | AUTHORS' HUB

Tnedija tal-kotba *Mikelin* u *Noè e lo scoiattolo giocherellone* (Noè u L-Iskojjattlu bla Kwiet) tradotti għat-Taljan minn Verbavolant. Serena Alessi se timmodera d-diskussjoni mal-awturi Sandra Hili Vassallo, Leanne Ellul u Stephanie Bugeja, flimkien tat-traduttriċi Virginia Monteforte.



**14:30-15:00**

### SESSJONI TA' QARI: *OSBERT AND FRIENDS*

ENERGY AND WATER AGENCY (EWA) | READERS' HUB

Osbert, żring li jgħix ġewwa Wied il-Qlejgħa f'Malta, jgħallimna dwar l-abitat tiegħu, l-inħawi u l-bijodiversità f'dal-post.

**15:00-16:00**

### TNEDIJA TA' *LEĦEN IL-MALTI* NRU. 41

GĦAQDA TAL-MALTI - UNIVERSITÀ | BLUE HALL

Bħal kull sena, l-Għaqda se tagħti togħma ta' x'jistgħu jsibu l-qarrejja fir-rivista annwali tagħha. Dan se tagħmlu permezz ta' interpretazzjonijiet varji ta' xi wħud mill-poeżiji, novelli, traduzzjonijiet u studji li ntgħażlu għal din l-edizzjoni ta' *Leħen il-Malti.*

**15:00-16:00**

### IFFIRMAR TA' KOTBA MA' LORRAINE GALEA

PANDORA BOOKS | PANDORA BOOKS STAND

Lorraine Galea se tiffirma l-kotba tagħha ppubblikati minn Pandora Books.

**15:30-16:00**

### SESSJONI TA' QARI: *L-ISTEJJER TA' ZOE U D-DRAGUN WAQT ŻMIEN IL-PANDEMIJA TAL-COVID*

ENERGY AND WATER AGENCY (EWA) | READERS' HUB

Fiċ-ċentru tal-Għajn niltaqgħu ma' żewġ karattri - Zoe, tifla ta' ħdax-il sena u d-Dragun, l-akbar ħabib ta' Zoe. Minħabba l-pandemija tal-Covid, l-iskejjel u ċ-ċentri edukattivi huma kollha magħluqin, inkluż l-Għajn. B'hekk Zoe u d-Dragun bdew jiddiskutu u jitgħallmu fuq suġġetti varji dwar l-ilma tant li anke ppreparaw lezzjonijiet virtwali fuq is-sit taċ-Ċentru tal-Għajn sabiex jgħallmu lit-tfal b'mod ieħor minħabba ċ-ċirkostanzi.

**16:00-16:45**

### PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB: *A TAVOLA CON GLI ANTICHI ROMANI* (EFESTO EDIZIONI) TA' GIORGIO FRANCHETTI

ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA | AUTHORS' HUB

L-istorja, il-ħajja ta' kuljum u diversi riċetti biex tiskopri l-użanzi ta' ikel ta' missirijietna kulturali. Din il-preżentazzjoni se tkun introdotta minn Serena Alessi.

**16:00-17:00**

## WIKIPEDIA EDITING WORKSHOP

WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA (WCM)

RAINBOW HALL

Kulħadd jaf x'inhi l-Wikipedija, imma kont taf li int ukoll tista' ssir editur tagħha, flimkien ma' eluf oħra ta' nies bħalek madwar id-dinja? F'dan il-workshop tiskopri sew kif taħdem il-Wikipedija u proġetti oħra tal-Wikimedia u b'hekk tkun tista' tieħu sehem fl-edit-a-toni ta' Wikimedia Community Malta waqt il-festival u wara.

**16:00-17:30**

## ILTAQA' MAL-ARTIST: SESSJONI MA' MARISA ATTARD U MATT STROUD

IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI | ILLUSTRATORS' HUB

Waqt dawn is-sessjonijiet, il-Kunsill Malti għall-Arti jistiednek biex tiltaqa' ma' wħud mill-aqwa illustraturi u pubblikaturi tal-kotba lokali. Fihom se niffokaw fuq l-introduzzjoni ta' udjenzi ta' kull età kif ukoll lil dawk li jaspiraw li jsiru artisti għad-dinja tal-illustrazzjoni. Dawn huma parti mill-programm tal-esibizzjoni *From Illustration to Book.*

**17:00-18:00**

## 17:00-18:00 IL-ĦAJJA F'DISTOPJA - IR-RUMANZ *TÜK* MILL-AWTUR UKREN ART ANTONIAN

BLUE HALL

Ftit wara l-attakk Russu fuq l-Ukranja, id-djar tal-pubblikazzjonijiet Ukreni reġgħu bdew jippubblikaw il-kotba. Wieħed mir-rumanzi tal-ewwel kien id-distopiku *TÜK*. Se niddiskutu fuq dan ir-rumanz u l-istorja warajh. L-awtur se jaqra siltiet minnu waqt li jirrakkonta stejjer dwar xogħlu għall-gvern Amerikan f'Moska wara l-annessjoni tal-Krimea u l-attakk fuq l-Ukranja tal-Lvant fl-2014. Art se jaqra wkoll xi poeżiji Ukreni.

**17:00-18:30**

## LIVE ANIMAL SESSION!

FONDAZZJONI INSPIRE

SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Sessjoni ta' qari organizzata mill-Fondazzjoni Inspire f'ambjent ideali għall-awtiżmu, li jippermetti aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer u li jirrispetta l-isfidi ta' tfal fuq l-ispettru tal-awtiżmu. Din is-sessjoni se tkun immirata għal tfal bejn tlieta u sitt snin u se tingħata minn Jelena.

**17:00-20:00**

## SENSORY-FRIENDLY ROOM @ RAINBOW HALL

Din il-kamra toffri ambjent ideali għall-awtiżmu, (bi stimulazzjoni baxxa, b'oġġetti bażiċi sensorjali u riżorsi ideali għall-awtiżmu) tippermetti lit-tfal fuq l-ispettru aċċess għal attivitajiet ta' rakkuntar ta' stejjer f'spazju sikur u inklussiv. Din il-kamra mmexxija mill-Fondazzjoni Inspire. Jingħata biss aċċess lil tfal akkumpanjati minn ġenituri jew edukaturi.



**17:30-18:00**

## L-ILMA - IBDA MINNEK

ENERGY AND WATER AGENCY (EWA) | READERS' HUB

L-ILMA - IBDA MINNEK hija kampanja edukattiva u ta' għarfien maħsuba sabiex ittejjeb u tagħmel aktar effiċjenti l-użu tar-riżorsi tal-ilma. Il-kampanja tgħin sabiex issir bidla fil-kultura tal-poplu dwar il-konservazzjoni tal-ilma. Waqt din is-sessjoni, se jsiru tliet esperimenti sabiex jgħinu lill-udjenza tifhem kunċetti bażiċi relatati mal-ilma. Ser ikollkom opportunità taraw kif tifforma sħaba fi flixkun tal-plastik, kif jitnaddaf l-ilma permezz ta' filtri u kif ikun l-ilma tal-pjan. Ejjew żuruna!

**18:00-19:00**

## MEETUP

WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA (WCM)

STAND WCM

Iltaqa' ma' membri tal-Wikimedia Community Malta u tkellem magħna dwar il-Wikipedija u proġetti oħra tal-Wikimedia, fosthom il-konkorsi annwali Wiki Loves Earth, Wiki Loves Folklore, Wiki Loves Monuments u r-Rebbiegħa CEE.

**19:00-20:00**

## EDIT-A-THON

WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA (WCM)

STAND WCM

Il-membri ta' Wikimedia Community Malta jiltaqgħu regolarment biex itejbu l-Wikipedija u proġetti oħra ta' Wikimedia, bħal Wikidata u Wikimedia Commons. Ingħaqad magħna f'waħda minn dawn l-edit-a-toni fejn tista' taħdem ma' edituri ta' esperjenza fuq suġġetti li jinteressawk. Huwa meħtieġ li ġġib laptop personali miegħek biex tieħu sehem fl-edit-a-toni waqt il-festival.



# L-ESEBITURI 2022

## AGENDA BOOKSHOP / MILLER DISTRIBUTORS LTD

**WWW.AGENDABOOKSHOP.COM**

Agenda Bookshop huwa wieħed mill-aktar bejjiegħa tal-kotba u tal-fuljetti importanti f'Malta. Il-ħwienet tal-Agenda jinsabu f'postijiet ċentrali u ewlenin f'Malta, fosthom l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u stabbilimenti ewlenin tax-xiri. Għand Agenda Bookshop issib l-aqwa u l-aħħar kotba li kienu suċċess madwar id-dinja, kif ukoll għażla wiesgħa ta' titli ġodda kuljum. L-għażla ta' kotba għand Agenda hija varja daqs kemm mistennija li tkun minn ħwienet tal-kotba ewlenin fir-Renju Unit.

Miller House, Triq L-Esportaturi, Zone 2,
Central Business District Birkirkara, CBD 2040
T +356 23667269 | E laurence.xuereb@millermalta.com

## AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT **WWW. AHMADIYYA.ORG.MT**

Il-Komunità Musulmana Ahmadiyya hija organizzazzjoni reliġjuża internazzjonali b'fergħat f'aktar minn 210 pajjiżi. Hija tinkoraġġixxi djalogu, paċi, imħabba u rispett bejn segwaċi ta' twemmin differenti. Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana tippromwovi l-edukazzjoni, l-għarfien u l-qari tal-kotba, u għal dan l-għan il-Komunità tippubblika kotba bil-Malti. Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana hija magħrufa wkoll għas-sehem tagħha attiv fl-għajnuna soċjali u li tgħin lil dawk li huma fil-bżonn, u tinvolvi ruħha f'ħidma karitatevoli u filantropika. Il-motto tagħha huwa: "Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda għal Ħadd".

P.O. Box 78, Pieta, PTA1000, Malta
T: 21 655255 | M: 79 655255 | E: amjmalta@gmail.com
Facebook: Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
Twitter: @AhmadiyyaMalta

## IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

**WWW.ARTSCOUNCILMALTA.ORG**

Il-Kunsill Malti għall-Arti (KMA) huwa l-aġenzija nazzjonali għall-iżvilupp u l-investiment fis-setturi kulturali u kreattivi. Il-Kunsill jamministra portafoll ta' finanzjament għas-setturi kulturali u kreattivi permezz tal-programmi ta' finanzjament nazzjonali tiegħu. Il-missjoni tagħna hija mmexxija mill-impenn tagħna favur id-drittijiet kulturali u l-investiment fl-arti sabiex insaħħu l-ekoloġija kreattiva u kulturali ta' Malta.

TG Complex Suite 1, Level 1, Triq Il-Birrerija, Zone 3
Central Business District, Birkirkara CBD 3040
E: info.acm@artscouncil.mt | Tel: +356 2334 7201/02

## BDL **WWW.BDLBOOKS.COM**

BDL Distribution ilu għal aktar minn 25 sena d-distributur ewlieni ta' pubblikazzjonijiet fil-ħwienet tal-kotba u ħwienet oħra f'Malta u Għawdex. BDL Publishing, it-tieni pilastru tal-kumpanija, jispeċjalizza f'kotba ta' kwalità li jvarjaw minn letteratura fittizja għat-tfal għal kotba prestiġjużi tal-Melitensia. It-tielet pilastru tal-kumpanija huwa BDL Retail. Il-ħanut ta' San Ġwann jinkludi ġabra estensiva tal-aqwa kotba fejn wieħed jista' jfittex u jixtri direttament minn għażla ta' 'l fuq minn 20,000 titlu.

13, Giorgio Preca Street, San Ġwann, SĠN3511
T: +356 21380351 | E: info@bdlbooks.com | Facebook: BDL Books, Malta

## BOOKENDS - MILLER

Bookends huwa ħanut il-Fgura li joffri kotba ġodda bi prezzijiet ferm iktar baxxi mill-prezzijiet oriġinali tagħhom. Għandek issib għażla kbira ta' kotba fuq suġġetti differenti. Fis-suq lokali Bookends kiseb reputazzjoni qawwija, kemm għall-kwalità tal-kotba, kif ukoll għall-prezzijiet irħas ħafna.

T: +356 21802272 | E: bookendsf@millermalta.com

## RELIĠJON ĦAJJA - ĊAK **WWW.RUHMALTA.COM**

Iċ-ĊAK (Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni), fi ħdan il-Patrijiet Franġiskani Konventwali, twaqqaf fl-1998 bl-iskop li jwieġeb għall-ħtiġijiet tal-animazzjoni reliġjuża permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali. Beda jippubblika diversi fuljetti, rivisti u kotba ta' natura reliġjuża u fl-2005 inkorpora miegħu d-Dar Editriċi Reliġjon u Ħajja li kienet twaqqfet fl-1967 minn Patri Alessandru Bonnici. Id-Dar Editriċi kompliet bil-ħidma fil-qasam tal-kotba reliġjużi u saret il-pubblikatur uffiċjali tad-dokumenti l-aktar importanti tal-Knisja u tal-Papiet; dan bi ftehim mal-Konferenza Episkopali Maltija u mal-Libreria Editrice Vaticana. Ruħ sa issa ppubblikat aktar minn 330 ktieb.

Triq S. Sommier, Birkirkara BKR4611 | T +356 21498343 | E info@ruhmalta.com



IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2022

## CARL THOMAS TONNA WWW.LASALLEMALTA.EDU.MT/STELLA-MARIS-COLLEGE

Carl huwa żagħżugħ dħuli ta' 14-il sena fid-disa' sena fil-Kulleġġ Stella Maris tal-Gżira. Il-kreattività, l-għarfien u l-metikolożità huma wħud mill-kwalitajiet li jsawru l-personalità ta' Carl.
Huwa akkanit tal-istorja u l-mitoloġija, u jgħaddas lilu nnifsu fil-kotba tiegħu biex jesplora l-pedamenti tad-dinja u l-esperjenza tal-ħajja tal-bniedem.
Carl jiddependi fuq l-immaġinazzjoni vivaċi tiegħu biex jinseġ stejjer avventurużi f'moħħu, li mbagħad kien jirrakkonta lill-familja u 'l sħabu. Dan, u l-persistenza tiegħu, għenuh biex ikun ispirat biex jikteb l-ewwel ktieb tiegħu f'età daqshekk żgħira.

E: graztonna82@gmail.com

## DAR CAMILLERI WWW.DARCAMILLERI.COM

Dar Camilleri hija d-dar ta' pubblikazzjoni ta' Mark Camilleri u tippubblika kotba storiċi, ta' riċerka u letteratura. L-għan tagħna huwa li gradwalment nippubblikaw kollezzjoni ta' kotba ta' kwalità għolja. Il-pubblikazzjoni tagħna ĠAĦAN FL-AQWA ŻMIEN kienet best-seller u se nniedu antoloġija ta' letteratura Maltija ta' wħud mill-aqwa kittieba Maltin waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.

E: markcamilleri@autistici.org

## DEER PUBLICATIONS

Deer Publications hija dar tal-pubblikazzjoni żgħira li stabbiliet ruħha fil-qasam partikolari iżda popolari ta' kotba relatati mal-ħajja tal-qaddisin u ċ-ċelebrazzjonijiet soċjokulturali tagħhom li jsiru lokalment b'pompa u entużjażmu kbir. Il-pubblikazzjoni ewlenija tagħha hija l-enċiklopedija tal-festa *Ilwien il-Festi Maltin* (kull wieħed mill-għaxar volumi jinkludi 'l fuq minn 650 ritratt meħud mill-fotografu professjonali u dilettant tal-festa Mark Micallef Perconte). L-editur tas-serje huwa Andrew Borg li wkoll daħal mill-ġdid fis-suq tal-kotba tal-qaddisin addattati għall-qarrej żagħżugħ. L-aħħar proġett ta' Deer Publications huwa pubblikazzjoni maġġuri ta' kollezzjoni ta' studji akkademiċi dwar San Ġużepp, li għalih il-Papa Franġisku ddikjara l-2021 bħala s-sena speċjali tiegħu.

Cervus, 72A, Triq Doni, ir-Rabat, Malta
T +356 99385496 / +356 79058691
E deerandrew@gmail.com



## EDE BOOKS / KIXOTT WWW.EDEBOOKS.EU

Koperattiva Kixott huwa ħanut tal-kotba u spazju għall-avvenimenti kulturali. Il-koperattiva hija magħmula minn numru ta' artisti u b'kollaborazzjoni ma' Ede Books. // Ede Books hija impriża żgħira ta' pubblikazzjoni li tipproduċi kotba u pubblikazzjonijiet perjodiċi b'kontenut viżiv li jmiss mal-arti, il-poeżija, il-fotografija u l-kultura urbana.

Ede Books, Kixott, 169, Triq il-Kbira, Mosta, MST 1010
T: +356 27201358 / M: + 356 79827522 | E: info@edebooks.eu

## ENCHANTED GROVE PUBLISHING (RITA ANTOINETTE BORG)

Rita Antoinette Borg twieldet Malta, trabbiet New York u ġiet lura meta kellha 15-il sena. Hija membru tas-Society of Children's Writers and Illustrators. Ippubblikat disa' kotba għat-tfal. Żewġ kotba bl-istampi rebħu l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb: *Il-Ħarba taż-Żrinġijiet / The Frogs' Great Escape* (2003); *Taqsamx it-Triq, Fuxa / Don't Cross the Road, Holly* (2009). Il-poeżija tagħha ' Waiting for Dolphins' ġiet ippubblikata minn Bloomsbury UK fl-antoloġija *Is this Poem?* Issa twettaq sessjonijiet ta' rakkont ta' stejjer, tibbloggja għat-Times of Malta u qed tikteb rumanz bl-Ingliż għaż-żagħżagħ u rakkont tal-memorji tagħha.

E: rita@ritaborg.us | T: +356 79433234 / 21433234

## ENERGY AND WATER AGENCY (EWA) - L-ILMA IBDA MINNEK ENERGYWATERAGENCY.GOV.MT

L-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma (EWA) hija aġenzija governattiva. Mindu bdejna fl-2014, il-missjoni tagħna hi li nassiguraw is-sigurtà, is-sostenibbiltà u l-affordabbiltà tal-enerġija u l-ilma f'Malta. Inħejju u nikkordinaw l-implimentazzjoni tal-politiki nazzjonali tal-Gvern għall-enerġija u l-ilma, kif ukoll il-leġislazzjonijiet tal-UE dwar l-enerġija u s-sostenibbiltà. Nikkontribwixxu wkoll fuq il-liġijiet u nixprunaw it-triq għal politiki relatati mal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, l-immaniġġjar u d-domanda għall-ilma, u s-sigurtà tal-provvista tad-dawl, il-gass u l-ilma f'Malta. Bis-saħħa ta' riċerka u mudellar estensiv, inbassru d-domanda f'Malta għall-enerġija u l-ilma sabiex nassiguraw li dawn it-tnejn jaslu fid-djar b'mod stabbli għall-ambjent.



IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2022

## FARAXA PUBLISHING WWW.FARAXABOOKS.COM

Id-Dar tal-Pubblikazzjoni Faraxa twaqqfet fl-2011 bil-għan li tippubblika traduzzjonijiet letterarji u mhux għal-lingwa Maltija; xogħlijiet ta' awturi rinomati fid-dinja, kif ukoll ta' dawk inqas magħrufa. Is-Sensiela Traduzzjonijiet Faraxa issa tinkludi 'l fuq minn 25 xogħol klassiku Ewropew fit-traduzzjoni għall-Malti u se tkun qed tespandi aktar. Faraxa ppubblikat kotba ta' ħafna ġeneri, minn xogħlijiet akkademiċi, mużika klassika, poeżija, filosofija, xogħlijiet għall-adolexxenti, kif ukoll xogħlijiet ta' fantasija u letteratura għat-tfal.

T: +356 99820157 | E: info@faraxapublishing.com
Facebook: Faraxa Publishing | Twitter: @faraxabooks | Instagram: faraxabooks

## FILFLA STUDIO (FABRIZIO ELLUL) WWW.FILFLA.STUDIO

Fabrizio Ellul huwa artist li jaħdem bl-użu tradizzjonali tad-disinn u t-tpinġija biż-żejt, u esebixxa f'Malta u l-Ġermanja. Fl-2020 beda Filfla Studio, fejn jispeċjalizza fl-arti diġitali biex jesprimi narrattiva. *Sarangu: The Sack Man* huwa l-ewwel rumanz grafiku tiegħu, u kien possibli bl-għajnuna tal-Kunsill Malti tal-Arti u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Il-proġett ibbenefika minn fondi oħra ta' riċerka mill-Kunsill Malti tal-Arti, dwar il-pesta bubonika tal-1813 f'Malta u l-folk Malti. Din ir-riċerka tinsab fuq www.filfla.studio.

E: info@filfla.studio

## FONDAZZJONI SAGĦTAR WWW.SAGHTAR.ORG.MT

Fondazzjoni Sagħtar hija l-id professjonali tal-Malta Union of Teachers (MUT), u taħdem biex ittejjeb u ġġib 'il quddiem il-kwalitajiet professjonali tal-edukaturi Maltin u Għawdxin, u tgħin fil-ħidma edukattiva permezz ta' pubblikazzjonijiet, korsijiet, taħditiet u riżorsi edukattivi oħrajn. Ewlenija fost il-pubblikazzjonijiet tal-Fondazzjoni hija r-rivista popolari *Sagħtar*, li toħroġ kull xahar matul is-sena skolastika u għandha storja ta' 50 sena.

E : info@saghtar.org.mt | T: 21224909 / 77098518 | www.saghtar.org.mt/hanut/

## FRECKLED COLOR (WILLIAM MARTIN) WWW.FRECKLEDCOLOR.COM

Lil Casey Martin aktarx issibu jmexxi xi attività ta' tagħlim ma' xi grupp ta' studenti entużjasti. Iktar iva milli le ssibu mimli żebgħa, liebes xi kostum tal-ġenn, jew għarkupptejh f'xi ġnien skolastiku. Idur id-dinja u huwa għalliem internazzjonali b'ħeġġa biex jgħin tfal jifhmu u jirrelataw mad-dinja ta' madwarhom. Għandu rieda b'saħħitha biex jgħin lil ħaddieħor jiskopri s-sbuħija, il-kapaċitajiet u l-identità ta' ġo fihom. Kiteb u ppubblika tliet kotba tat-tfal, bl-aktar wieħed riċenti jkun W*ally Worm and the Wool Scarves* li jseħħ f'Malta. Huwa l-ewwel ktieb tat-tfal f'Malta li jinkwadra l-ħajja vibranti f'dawn il-gżejjer, u fl-istess ħin jgħaddi messaġġ pożittiv. Il-kumpanija tiegħu Freckled Color Publishing hija bbażata fl-Istati Uniti, iżda tilħaq tfal mid-dinja kollha. Żur is-sit tiegħu freckledcolor.com għal aktar informazzjoni jew biex tibbukkja xi qari personalizzat, xi gruppi ta' ħidma, jew xi esperjenza unika ta' tagħlim.

E: caseymartin@freckledcolor.com

## FRIENDS OF THE NATIONAL ARCHIVES OF MALTA WWW.FNAMALTA.ORG

L-għan tal-organizzazzjoni huwa li titqajjem kuxjenza pubblika dwar ix-xogħol li jsir fl-Arkivji Nazzjonali u l-importanza li jiġi ppreservat materjal ta' valur storiku.

The National Archives, Hospital Street Rabat, RBT1043, Malta
T: +356 2145 9863 | E: fnamalta@gmail.com

## GERMAN-MALTESE CIRCLE / DEPARTMENT OF GERMAN, UNIVERSITY OF MALTA WWW.GERMANMALTESECIRCLE.ORG

Il-German-Maltese Circle hija organizazzjoni volontarja li twaqqfet fit-18 ta' Ottubru 1962. L-għan tagħha huwa li tippromwovi ħbiberija bejn il-Ġermanja u Malta u għaldaqstant l-Għaqda ilha mit-twaqqif tagħha torganizza attivitajiet kulturali u korsijiet tal-Ġermaniz kemm għat-tfal u kemm għall-adulti. Id-Dipartiment tal-Ġermaniż huwa parti mill-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta. Id-Dipartiment joffri l-opportunità li l-istudenti jistudjaw il-Ġermaniż f'firxa ta' korsijiet: korsijiet full-time undergraduate u postgraduate (BA Unuri bil-Ġermaniż, BA Ġenerali bil-Ġermaniż, MA u PhD bil-Ġermaniż), korsijiet tal-lingwa part-time għal-livelli kollha tal-lingwa (Ċertifikat/Diploma fil-Profiċjenza tal-Lingwa), u korsijiet part-time filgħaxija għall-pubbliku ġenerali (Ċertifikat/Diploma bil-Ġermaniż).

141, Palazz Messina, Valletta, Malta
T: +356 2124 6967


IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2022

## GĦAQDA TAL-MALTI - UNIVERSITÀ WWW.GHAQDATALMALTI.ORG // INIZJAMED WWW.INIZJAMED.ORG

L-Għaqda tal-Malti - Università hija organizzazzjoni studenteska bl-għan li tirrappreżenta lill-istudenti tal-Malti f'livell postsekondarju u terzjarju, u toffri spazju għal kull min għandu għal qalbu l-Malti sabiex jaħdem favur din il-lingwa, b'modi differenti. Kull sena l-Għaqda tniedi l-pubblikazzjoni annwali tagħha, *Leħen il-Malti*, waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. // Inizjamed hija organizzazzjoni kulturali Mediterranja li twaqqfet fl-1998 bil-għan li tmexxi proġetti kulturali u artistiċi fuq livell lokali u internazzjonali. Il-biċċa l-kbira tal-inizjattivi ta' Inizjamed huma marbutin mal-kitba kreattiva bil-Malti, fosthom l-organizzazzjoni ta' workshops ma' awturi magħrufin u festivals tal-letteratura, iżda dejjem ikun hemm interazzjoni ma' forom oħra tal-arti, bħat-teatru, il-mużika u l-arti viżiva. Isiru wkoll ħafna proġetti f'oqsma artistiċi u kulturali oħrajn.

Dar l-Istudent, L-Università ta' Malta, Tal-Qroqq
T: +356 7922 1197 | E: ghaqdatalmalti@gmail.com
ghaqdamalti | ghaqdamalti | ghaqdamaltiuni
E: info@inizjamed.org | F: Inizjamed

## HERITAGE MALTA PUBLISHING WWW.HERITAGEMALTA.ORG

Heritage Malta hija l-aġenzija nazzjonali tal-mużewijiet, il-konservazzjoni u l-patrimonju kulturali. Hija attiva ferm fil-kamp tal-pubblikazzjoni bħala parti mill-isforzi tagħha b'risq id-demokratizzazzjoni tal-patrimonju. Il-firxa ta' xogħlijiet ippubblikati tinkludi katalgi tal-wirjiet, ġabriet ta' studji, kotba għat-tfal, kotba marbuta ma' proġetti ta' konservazzjoni u riġenerazzjoni, u studji aktar iffukati. Fil-ħarifa tal-2015, Heritage Malta nediet ukoll perjodiku li joħroġ darbtejn fis-sena.

L-Isptar ta' Bighi, Triq il-Marina, Bighi, Kalkara, KKR 1524
E: publications.heritagemalta@gov.mt

## HORIZONS WWW.HORIZONS.COM.MT

Horizons hija waħda mid-djar tal-pubblikazzjonijiet ewlenin f'Malta, rebbieħa ta' bosta premji letterarji fil-kategoriji differenti tal-kotba. Ippubblikat awturi magħrufa u stabbiliti bħal Mario Azzopardi, Charles Briffa, Lina Brockdorff, Victor Fenech, Charles Flores, Albert Marshall, Gorg Peresso, Giuseppe Schembri Bonaci u Vincent Vella, kif ukoll introduċiet awturi ġodda bħal Eman Bonnici, Edgar Formosa, Jacqueline Mizzi, Sergio Grech, Tyrone Grima, Stephen Lughermo, Justin Schembri u André Mangion.

Triq l-Iskultur, Qormi QRM 3580 | T: +356 2144 1604 | E: info@horizons.com.mt



## INFOMEDIAWORKS LIMITED WWW.INFOMEDIAWORKS.CO.UK

Infomediaworks Ltd tipprovdi servizzi ta' pubblikazzjoni u informazzjoni ġenerali biex tinkoraġġixxi l-awtopubblikazzjoni fost awturi aspiranti u stabbiliti. Ibbażati fir-Renju Unit, is-servizzi tagħna jinkludu servizzi editorjali kompluti; pubblikazzjoni b'baġit baxx; pubblikazzjoni speċjalizzata, promozzjoni, u marketing għal pajjiżi Afrikani; xogħol ta' traduzzjoni fil-lingwi Afrikani ewlenin, u rappreżentazzjoni ta' aġenzija għall-awturi. Imwaqqfa fl-2016, naqdu kemm klijentela nazzjonali kif ukoll barranija. Naħdmu ma' awturi li jippubblikaw l-ewwel titlu tagħhom u nipprovdu lill-awturi ppubblikati appoġġ promozzjonali u ta' kummerċjalizzazzjoni supplimentari permezz ta' rappreżentazzjoni f'avvenimenti letterarji, fieri tal-kotba, u espożizzjonijiet. Nikkollaboraw ma' ħwienet oħra tal-pubblikazzjoni fi proġetti relatati.

E: admin@infomediaworks.co.uk | T: +44 7984612574

## INFINITY BOOKS LTD. WWW.INFINITYBOOKSMALTA.COM

Infinity Books twaqqfet fl-2018, u l-uffiċini tagħha jinsabu Malta. Infinity ma tippromwovix xi ġeneru letterarju partikulari. Jippubblikaw kotba Kristjani, kotba ta' studju, rumanzi, kotba tat-tfal, komiks, u jipprintjaw mill-ġdid il-klassiċi tal-letteratura Ingliża u Taljana. Infinity jużaw lil Amazon biex jipprintjaw u jqassmu l-kotba tagħhom mad-dinja kollha. Il-kumpanija tgħin ukoll lil kittieba awtoppubblikati minn Malta, l-Istati Uniti, ir-Renju Unit, l-Italja, l-Ungerija, l-Albanija, Iżrael, u l-Ġamajka. Sa issa ppubblikaw kotba bl-Ingliż, it-Taljan, il-Grieg, u l-Albaniż, fosthom kotba bl-Ingliż minn Sue Senden, Giuseppe Guarino u David R. Palmer, u oħrajn bit-Taljan minn Andrea Magri, Marco Maugeri, Antonio Calisi, Daniela Annunziata, Pino Cacozza u Alessandra Albani.

E: infinitybooksmalta@yahoo.com | T: +356 99532366

## ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA WWW.IICVALLETTA.ESTERI.IT/IIC_LAVALLETTA/IT/

L-Istituto Italiano di Cultura huwa simbolu tal-wirt Taljan f'Malta u huwa parti mill-Ambaxxata Taljana f'Malta. L-għan ewlieni tiegħu huwa l-promozzjoni tal-lingwa u l-kultura Taljana permezz ta' avvenimenti - bħal wirjiet, kunċerti u konferenzi - u librerija estensiva miftuħa għall-pubbliku.

St. George's Square, Valletta VLT 1190 | T: +356 21 221462
E: segr.iiclavalletta@esteri.it
Facebook: Istituto Italiano di Cultura La Valletta

## JOSEPH GRECH

Joseph Grech huwa l-awtur ta' dawn it-tmien kotba: *Malta and Gozo Buses 1905 – 2011* (2021); *Il-Vari ta' Malta u Għawdex* (It-Tieni Edizzjoni 2019); *L-Altari tar-Repożizzjoni fil-Parroċċi ta' Malta u Għawdex* (2007); *Il-Każini tal-Baned ta' Malta u Għawdex* (2001); *Il-Kwadri Titulari tal-Parroċċi ta' Malta u Għawdex* (2000); *Il-Vari ta' Kristu Rxoxt fil-Knejjes ta' Malta u Għawdex* (2000); *Il-Vari tal-Ġimgħa L-Kbira ta' Malta u Għawdex* (1999); *Il-Vari ta' Malta u Għawdex* (1998).

E: josephgrech22@outlook.com | T: +35699871802

## JOSEPH P. SMITH PHOTOGRAPHER  WWW.SMITHJP.COM

Joseph, jew kif inhu aktar magħruf, Joe, ġej minn qasam artistiku li jinkludi l-pittura, l-arti grafika u l-fotografija. Ilu jaħdem fil-fotografija artistika mill-1979 u laħaq l-ogħla livell ta' Fellowship f'diversi organizzazzjonijiet professjonali kemm lokali u barranin. Studja wkoll d-disinn grafiku ġewwa Firenze u fl-2015 iggradwa b'Maġisteru fil-Belle Arti u l-Arti Diġitali mill-Università ta' Malta. Joe jaħdem l-aktar fil-fotografija dokumentattiva, l-arti performattiva, il-portrait u arkitettura. Kellu diversi wirjiet personali kif ukoll kollettivi kemm f'Malta u barra minn xtutna, u rċieva diversi premjijiet internazzjonali fosthom fil-wirja prestiġjuża Taylor Wessing Portrait Prize ġewwa Londra fl-2014, l-2015 u l-2021.

E: smithfoto59@gmail.com  | T: +35699860986

## KITE GROUP  WWW.KITEGROUP.COM.MT

Il-kreattività, l-innovazzjoni, u l-kwalità għolja u ta' interess għall-qarreja huma fost l-aktar kunsiderazzjonijiet importanti għal Kite Group. Permezz ta' kull ktieb, Kite Group jimmira li  joħloq esperjeza li tagħti gost lill-qarrejja. Dan jgħodd kemm għal min ifittex il-viżiv u anki għal min ifittex il-qari. Fost il-kotba li ġew ippubblikati minn din id-dar tal-pubblikazzjonijiet, rebbieħa ta' diversi premjijiet, hemm dawk dwar l-arti, il-kultura, bijografiji, stejjer qosra, kotba t'umoriżmu, fotografija, arkitettura, liġi u l-istorja ta' pajjiżna. Kite Group joffri servizz lill-qarrejja u lil kull min irid jippubblika ktieb. Tista' tixtri kotba ppubblikati minn Kite Group minn www.kitegroup.com.mt u tingħata skont ta' 25% billi ddaħħal il-kodiċi tal-kupun BOOKS25.

13, Triq il-Franġiskani, Ħamrun
T: +356 9993 2592 | E: info@kitegroup.com.mt

## KIWI PUBLICATIONS  WWW.KIWIPUBLICATIONS.COM

Kiwi hija dar tal-pubblikazzjoni ffukata fuq li toffri esperjenza unika fil-kotba għat-tfal. Kiwi temmen li l-kotba għandhom jipprovdu opportunità għat-tfal biex jitgħallmu u joħolmu. Konformi mal-filosofija tagħha, Kiwi tippubblika kotba tat-tfal ta' kwalità għolja b'differenza, u ġġib stejjer sinjifikanti u tispira lill-qarrejja żgħar biex joħolmu.

T: +356 99587042 | E: luisa@kiwipublications.com

## KOTBA CALLEJA  WWW.KOTBACALLEJA.NET

Pubblikaturi u produtturi ta' kotba artiġjanali u prodotti tal-karta maħduma bl-idejn. L-istorja ta' *Kotba Calleja* tibda mill-imħabba għall-karta bħala materjal umli, uniku u versatili. Hija passjoni li tissarraf fi prodotti ta' kwalità maħduma mill-bidu sal-aħħar f'Malta.  Kull parti tal-proċess - kull tinja, kull qtugħ, kull pont ħjata, kull inkollatura - issir bl-idejn, bir-reqqa u bil-paċenzja. Għalhekk uniċi. *Kotba Calleja* tippubblika letteratura li ma tibżax tesperimenta, li tgħarrex fl-idjoma, fil-vokabularji, fis-sintassi għal xbihat li jagħtu identità ġdida lill-poeżija u r-rumanz Malti.  Din id-dar ta' pubblikazzjoni tirrappreżenta kemm kittieba stabbiliti kif ukoll poeti u rumanziera ġodda.

E: info@kotbacalleja.net  | T: 356 99236238  / +356 27010243
Facebook: https://www.facebook.com/kotbacalleja/
Instagram: https://www.instagram.com/kotba_calleja/

## LIBRERIJA PRECA

Fl-1975 is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija magħrufa bħala M.U.S.E.U.M. żviluppat ħanut tal-kotba, illum stabbilit sewwa, bl-isem tal-fundatur tagħha, Preca Library. Il-ħanut jispeċjalizza fil-bejgħ ta' letteratura reliġjuża u riżorsi multimedjali oħra minn bosta mid-djar tal-pubblikazzjoni ewlenin fl-Ewropa, l-Asja u l-Amerika ta' Fuq. F'Novembru 1997 il-ħanut tal-kotba mexa għal żona aktar spazjuża u ddisinjata speċifikament għalih fid-Dar Ċentrali tas-Soċjetà fi Blata l-Bajda, li toffri aċċess aħjar għall-pubbliku ġenerali. Minbarra l-varjetà kbira ta' kotba spiritwali, il-Librerija Preca toffri varjetà kbira ta' tifkiriet Nisranin għall-okkażjonijiet kollha: Il-Milied, Il-Ġimgħa Mqaddsa, Tiġijiet, Il-Magħmudija, It-Tqarbina, Il-Griżma, Għeluq is-snin, eċċ.

205, Triq San Ġorġ Preca, Marsa. MRS9090. | E: precabookshop@gmail.com
T: 21222626, 79222625 | F: Librerija Preca

## MALTA GUIDE DOGS FOUNDATION WWW.MALTAGUIDEDOGS.ORG.MT

Alfred Reale kiteb *Is-Sigriet tas-Siġill*, l-ewwel rumanz tiegħu, biex il-fondi kollha mill-bejgħ imorru għall-Malta Guide Dogs Foundation (MGDF). Fl-2018, minħabba l-glawkoma, il-vista ta' Alfred marret għall-agħar drastikament u kellu jirtira mix-xogħol bħala membru tal-Forzi Armati ta' Malta. L-MGDF twaqqfet fl-2006 u tiġbor fiha bħala għaqdiet fondaturi il-Malta Society of the Blind and the Visually Impaired (MSB), it-Torball Society of the Blind u l-Gozo Aid for the Visually Impaired (GAVI). Fost l-għanijiet tagħha, tiġbor fondi biex tkun tista' tagħti klieb gwida lil nies neqsin mid-dawl.

E: info.mgdf@gmail.com | T: +356 27995392

## MALTA LIBRARIES WWW.MALTALIBRARIES.GOV.MT

Malta Libraries hija l-entità responsabbli għall-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, il-Librerija Nazzjonali (Għawdex), il-Librerija Ċentrali Pubblika, il-Librerija Pubblika ta' Għawdex, il-Libreriji Pubbliċi Reġjonali u Lokali f'Malta u Għawdex u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Bibljografija. Bħala entità, Malta Libraries ġiet imwaqqfa bl-Att Dwar il-Libreriji Maltin (Att VII tal-2011), flok dak li qabel kien id-Dipartiment tal-Libreriji.

E: customercare.cpl@gov.mt | T: +356 25983500
Facebook / Instagram / Youtube: @malta_libraries

## MALTA UNIVERSITY PRESS WWW.UM.EDU.MT/MUP

Il-Malta University Press hija d-dar żgħira iżda prestiġjuża tal-pubblikazzjonijiet akkademiċi tal-Università ta' Malta, l-università nazzjonali tal-gżejjer Maltin. L-istampa hija speċjalizzata fil-produzzjoni ta' xogħlijiet ta' kwalità għolja u riveduti b'mod rigoruż mill-pari ta' Malta u l-Mediterran b'interess partikolari fix-xjenzi umanistiċi u soċjali.

University of Malta, Msida MSD 2080, Malta | E: mup@um.edu.mt | T: 2340 6126

## MELI BOOKSHOP

Meli Bookshop għandu żewġ ħwienet li t-tnejn jinsabu fil-belt kapitali, il-Belt Valletta. L-ewwel ħanut infetaħ fl-1965 u wara xi żmien, infetaħ ieħor. Wieħed mill-ħwienet jinsab fi 52, Triq Santa Luċija fejn wieħed jista' jsib l-aħħar assortimenti ta' kotba Melitensia, rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż. Il-ħanut jipprovdi wkoll kotba għat-tfal u kotba tat-tisjir. Il-ħanut l-ieħor jinsab fi Triq il-Forn il-Qadim, bin-numru 185. F'dan il-ħanut wieħed jista' jfittex varjetà kbira ta' letteratura klassika kemm ta' proża kif ukoll ta' poeżija bi prezzijiet imraħħsa. Hemm ukoll ħafna rumanzi bl-Ingliż, kotba tal-fantaxjenza, kotba tal-fantasija, kotba tal-orrur, kotba tal-qtil u ħafna aktar! Wieħed jista' jsib kotba tat-tisjir u kotba ġenerali oħra hawn ukoll. Kotba tal-ivvjaġġar jinsabu wkoll f'dan il-ħanut tal-kotba. Għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ta' din is-sena, il-ħanut tal-kotba Meli se jkun qed ikollu kampjun ġdid ta' kotba bl-Ingliż li tista' ssibhom fil-ħwienet tagħhom!

52, Triq Santa Luċija, Valletta / 185, Triq l-Ifran, Valletta
E: transit@onvol.net | T: +356 21237266 / +356 99803601
Facebook: https://www.facebook.com/Meli-Book-Shop-1502284266653728



## MELLIEĦA LOCAL COUNCIL WWW.MELLIEHA.GOV.MT

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa se jkun qiegħed ibigħ prinċipalment kotba mill-*Ħannieqa Kulturali* ppubblikati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u miktuba minn diversi awturi, l-aktar relatati mal-wirt, l-istil ta' ħajja u l-istorja tar-raħal tal-Mellieħa.

126, New Mill Street, Mellieħa, MLĦ 1107 | E: customercare.mellieha.lc@gov.mt
T +356 21521333

## MERLIN LIBRARY WWW.MERLINLIBRARY.COM

Merlin Library ilu jissupplixxi kotba lill-iskejjel primarji, sekondarji u postsekondarji mill-1978. Wieħed mill-ħwienet li għandna u li jinsab Blata l-Bajda huwa l-uniku ħanut ġo Malta li jġib il-kotba tal-iskola tul is-sena kollha. Issibilna wkoll għażla wiesgħa ta' materjal għar-reviżjoni għal ħafna mis-suġġetti. Nispeċjalizzaw f'kotba għat-tfal u kontinwament inġibu eluf ta' kotba għal tfal ta' bejn it-3 xhur sal-adolexxenti. Għandna selezzjoni kbira ta' kotba fittizji u mhux fittizji u oħrajn ta' interess ġenerali għall-adulti. Spiss ikollna wkoll offerti speċjali għal tfal li huma membri fil-Wizzies Club. Merlin Library kien l-ewwel li introduċa lill-awturi tal-kotba tat–tfal ġewwa Malta fejn dawn daru l-iskejjel jitkellmu mat-tfal u jissapportjaw lill-iskejjel fuq kemm huwa importanti l-qari għall-istudenti. Fl-2003, Lynne Reid Banks kienet l-ewwel awtriċi li ġiet Malta u wara din kien hemm ħafna oħrajn.

Mountbatten Street, Blata l-Bajda / Bisazza Street, Sliema
T: +356 2123 4438 | E: mail@merlinlibrary.com
Facebook: merlinlibrary

## MIDSEA BOOKS / KLABB KOTBA MALTIN WWW.MIDSEABOOKS.COM

Midsea Books Ltd. u Klabb Kotba Matin huma meqjusa fost il-pubblikaturi ewlenin f'Malta. Id-dar tal-pubblikazzjoni twaqqfet minn Pawlu Mizzi fl-1969. Din is-sena l-KKM qed jiċċelebra l-50 anniversarju mill-pubblikazzjoni tal-ewwel ktieb *Il-Gaġġa* fl-1971. Midsea Books u s-sussidjarji tagħha Klabb Kotba Maltin u Heritage Books jippubblikaw ġeneri differenti ta' kotba, minn dawk għat-tfal, rumanzi u novelli, sa storja u kotba tal-arti dwar Malta. Bosta mill-kotba ppubblikati huma rebbieħa ta' premjijiet jew ġew imsemmija fi premjijiet letterarji kemm Malta kif ukoll barra.

68 Carmelites Street, Sta Venera – 6 Strait Street, Valletta
T: 2149 7046, 21496911 | E: admin@midseabooks.com | Facebook: Klabb Kotba Maltin

## NARCY AND PETER CALAMATTA

Narcy Calamatta jitqies bħala ikona tat-teatru f'Malta. Ippubblika *Why Commedia? Why Malta?* Kif ukoll it-traduzzjoni tiegħu *Għaliex Commedia? Għaliex Malta?* Ħareġ ukoll *Endgame bil-Malti*, traduzzjoni tal-kummiedja ta' Samuel Beckett. Ħareġ ukoll *1,2,3, Love* li jinkludi 3 kummiedji oriġinali bl-Ingliż. Kull ktieb jinkludi esejs akkademiċi fuq is-suġġetti relatati. // Peter Calamatta jitqies bħala ikona tal-ġardinaġġ f'Malta. Ippubblika G*ardening in Malta u Maltese Plants in the Bible*. Ħareġ ukoll bijografija mhux tas-soltu, *Me and My Mentors*. L-aħħar li ħareġ hu ktieb ta' ispirazzjoni fuq il-ġlieda tiegħu mal-kanċer, *Hemm fuq Xi Ħadd Iħobbni*.

M: 9945 8580 | E: narcycalamatta@gmail.com
M: 9949 2563 | E: petercalamatta@gmail.com

## NATIONAL LITERACY AGENCY EDUCATION.GOV.MT/EN/NATIONALLITERACYAGENCY/PAGES/NATIONALLITERACYAGENCY.ASPX

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, twaqqfet bl-għan li tippromwovi u li tiżgura t-twassil tal-aspetti differenti tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu Għal Kulħadd f'Malta u f'Għawdex. L-Aġenzija qiegħda sservi bħala l-promotur ewlieni fil-qasam tal-litteriżmu u tfittex li tmexxi u ssaħħaħ prattiċi ta' kwalità għolja fil-litteriżmu li jservu għal matul il-ħajja. Hija tara li ssaħħaħ ir-riżultati tal-litteriżmu, li l-qofol tagħhom huma prattiċi inklussivi, kwalifiki għola tal-edukattivi, u prospetti aħjar fil-qasam tax-xogħol.

## NICOLA KEARNS WWW.LEITRIMWRITINGCOTTAGE.COM

L-awtriċi Irlandiża li kisret rekords ta' bejgħ, Nicola Kearns, ġiet ippubblikata f'diversi antoloġiji u fuljetti, u tkun ta' spiss fuq ir-radju, poddati, u l-mezzi pubbliċi fl-Irlanda, Malta, u l-Italja. It-tliet rumanzi tagħha, *Under a Maltese Sky*, *The Azure Window* u *All the Seas Between* flimkien jiffurmaw it-triloġija *The Malta Trilogy*, u kollha laħqu l-ewwel post fil-lista tal-Historical Drama Best-Sellers. Waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb Nicola Kearns se jkollha xi kopji ta' dal-kotba għall-bejgħ, u se tkun qed tiffirmahom għall-pubbliku.

E: leitrimwritingcottage@gmail.com | T: +353876362247

## PANDORA BOOKS WWW.MALTABOOKS.COM

Pandora Bargain Books toffri firxa kbira ta' kotba bl-Ingliż u bil-Malti bi prezzijiet imnaqqsa kemm għall-adulti kif ukoll għat-tfal. Barra minn hekk, taħt l-isem Pandora Publications, jiġu ppubblikati kotba bil-Malti, bi prezz li huwa aċċessibbli għal kull familja f'Malta.

E: info@maltabooks.com | T: +356 9966 7522 | Facebook: pandorabargainbooks

## PAULJON AQUILINA WWW.PAULJON13.COM

Pauljon ippubblika l-ewwel ktieb tiegħu fl-2016, *PaulJon l-ispiritwalista*, li ntgħażel bħala l-aħjar ktieb fit-taqsima tiegħu, u fl-2018 ippubblika *Rakkonti Misterjużi*, li rċieva l-istess premju. Fl-2021 ippubblika *PaulJon bl-Oroskopju Għalik*, u fl-2022 ħareġ *PaulJon bl Oroskopju Ghalik u Rakkonti*. Il-kotba tiegħu huma ppubblikati minn Amazon UK.

E: dspiritualist@pauljon13.com | T: +356 79495804 / 99013600 | Facebook / Youtube: PaulJon13

## QUINQUE (ALFRED SANT)

*Ir-Rumanz tal-Fieres Safran* isegwi l-vjaġġ tal-kavallier Markald, magħruf bħala l-Fieres Safran, minn Kamelott fir-renju tas-sultan Artur fil-Gallja lejn is-sud tal-Ewropa. Flimkien mal-kavallieri tal-Mejda t-Tonda telaq ifittex il-Kus Qaddis. Imma s-saħħar Merlinu jafdalu minflok il-missjoni li jsib il-plattin tal-fuħħar ta' taħt il-Kus Qaddis, imtebba' bi qtar mid-demm ta' Kristu. Kemm ilu li waqa' l-imperu ta' Mura, mal-Ewropa tirrenja l-anarkija. Markald jasal fil-gżejjer ta' Melite u Gaulos u jirnexxilu jikseb il-Plattin Sagru. Lura f'Kamelott, il-fieres safran ma jsibx il-merħba li stenna.

## RACHAEL HALLOWAY

Meta rkuprajt mit-tbatija tal-anoressja u d-dipressjoni, sibt il-kitbiet fi djarju li kont żammejt dawk iż-żminijiet, kif ukoll l-esperjenza ta' volontarjat fil-Ghana meta kont b'saħħti. Ħassejt li kelli nesponi r-realtà tas-sofferenza vera ta' persuni b'kundizzjonijiet mentali, sabiex ikunu megħjuna jifhmu li hemm triq 'il barra minnha. Nedejt ukoll f'Malta l-għaqda "Walk and Talk" sabiex inwieżen lill-komunità u nsaħħaħ l-għarfien bis-saħħa tal-mezzi ta' komunikazzjoni. L-għan huwa li titnaqqas l-istigma meta xi ħadd jitkellem dwar is-saħħa mentali.

## RICKY CARUANA

Ricky Caruana huwa ġdid fid-dinja tal-kitba iżda anzjan fid-dinja tal-ħsieb. *Strings of Fate* u *Resonance: A Glimpse of Infinity* huma żewġ pubblikazzjonijiet li bihom qiegħed jipprova jfisser il-ħsieb tiegħu fil-kelma. L-interessi tiegħu u l-qalba tal-kotba tiegħu huma mmotivati mill-għatx tiegħu li jindirizza l-mistoqsijiet fundamentali dwar il-ħajja u postna fl-univers. B'mod sinifikanti, ix-xogħol ta' Caruana jħeġġeġ lill-qarrej biex jistaqsi dwar, u jisfida, dak li nieħdu bħala fatt, billi jgħaqqad il-filosofiku mal-personali, u x-xjentifiku mal-ispekulattiv. Bħalissa qed jaħdem fuq monografija oħra, din id-darba dwar is-suġġett tal-mewt u l-ħajja ta' wara.

## SANDRA HILI VASSALLO

Sandra Hili Vassallo hija l-awtriċi tas-serje Imeldina u ta' Mikelin li rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Kitbet ukoll *Il-Komponiment tal-Malti* u *Il-Kaxxa tal-Memorji* li jittrattaw tfal fil-foster care u out-of-home care. Sandra għandha għall-qalbha ħafna d-drittjiet tat-tfal, l-emigrazzjoni, il-ġustizzja soċjali u l-ambjent. Sandra tikteb ukoll stejjer qosra għall-kbar u qed terġa tiskopri l-kitba tal-poeżija. L-istejjer tagħha ġew ippubblikati f'*Leħen il-Malti* u pubblikazzjonijiet oħrajn.

E: sandyhv2012@gmail.com | T: +356 7979 1908



## SKS PUBLISHERS WWW.SKSPUBLISHERS.COM

SKS hija dar tal-pubblikazzjoni bbażata f'Malta li tispeċjalizza prinċipalment fil-ġeneri tal-istorja, letteratura, teorija politika, kultura, u bijografija. SKS tirsisti biex tinforma u teduka lill-pubbliku ġenerali billi tippubblika kotba ta' kwalità għolja bbażati fuq fehim liberali tal-ħajja, l-istorja u l-letteratura, biex tipprovdi kittieba u riċerkaturi ta' konvinzjoni simili l-opportunità li jippubblikaw ix-xogħlijiet tagħhom, u biex jikkontribwixxu lejn l-arrikkiment soċjali, kulturali, intellettwali u nazzjonali.

Ċentru Nazzjonali Laburista, Triq Mlle End, Il-Ħamrun
E: skspublishersmalta@gmail.com |Facebook: SKS Publishers

## WIRT IŻ-ŻEJTUN WWW.WIRTIZZEJTUN.COM

Wirt iż-Żejtun hija organizzazzjoni lokali mhux governattiva (NGO) li taħdem fis-settur tal-wirt. Twaqqfet fuq inizjattiva ta' grupp ta' nies, l-aktar ġejjin miż-Żejtun, permezz ta' riżoluzzjoni approvata waqt laqgħa formali li saret fit-3 ta' Ottubru 2010. Il-viżjoni tagħna hija li fl-iqsar żmien possibbli nimmotivaw lin-nies taż-Żejtun biex jifhmu bżonn li napprezzaw, nirrispettaw u nieħdu ħsieb il-wirt naturali, kulturali, ambjentali, storiku, etnografiku u arkeoloġiku taż-Żejtun u n-nies tagħha.

Wirt iż-Żejtun, Kaxxa Postali 25, Iż-Żejtun ZTN1000 | E: wirtizzejtun@gmail.com

## WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA WWW.WIKIMALTA.ORG

Wikimedia Community Malta (WCM) huwa grupp ta' nies li jużaw il-wiki f'Malta. L-għan ta' dan il-grupp huwa li jinkoraġġixxi aktar attività madwar ħidma fuq xi wiki jew ieħor, permezz ta' diversi attivitajiet, proġetti, kollaborazzjonijiet, taħriġ u xogħol simili. Nagħtu attenzjoni speċjali lill-Wikipedija, il-Wikipedia bil-Malti, u Wikidata, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-Malti u informazzjoni ta' kwalunkwe tip dwar Malta. WCM huwa affiljat mal-Fondazzjoni Wikimedia.

E: mail@wikimalta.org | T: +356 7905 0677

IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2022




**the Malta Book Festival 2022**

## EXHIBITORS

1 EDE BOOKS/KIXOTT
2 KOTBA CALLEJA
3 L-GHAQDA TAL-MALTI - UNIVERSITÀ / INIZJAMED
4 FARAXA PUBLISHING
5 MALTA UNIVERSITY PRESS
6 BOOKENDS
7 MELI BOOKSHOP
8 ARTS COUNCIL MALTA
9 GERMAN-MALTESE CIRCLE/ UOM-DEPARTMENT OF GERMAN
10 KIWI PUBLICATIONS
11 INFINITY BOOKS
12 DAR CAMILLERI
13 INFOMEDIAWORKS LTD
14 WIKIMEDIA COMMUNITY MALTA
15 SANDRA HILI VASSALLO
16 RITA ANTOINETTE BORG (ENCHANTED GROVE PUBLISHING)
17 MERLIN LIBRARY
18 KLABB KOTBA MALTIN /MIDSEA BOOKS LTD
19 KLABB KOTBA MALTIN /MIDSEA BOOKS DISCOUNTS
20 MALTA GUIDE DOGS FOUNDATION
21 CARL THOMAS TONNA
22 KUNSILL LOKALI MELLIEHA
23 WIRT IZ-ZEJTUN
24 PRECA BOOKSHOP
25 FONDAZZJONI SAGHTAR
26 BOOK DISTRIBUTORS LTD
27 NICOLA KEARNS
28 FABRIZIO ELLUL (FILFLA STUDIO)
29 ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA LA VALLETTA
30 DEER PUBLICATIONS
31 HERITAGE MALTA
32 KITE GROUP
33 HORIZONS
34 MALTA LIBRARIES
35 SKS PUBLISHERS
36 THE FRIENDS OF THE NATIONAL ARCHIVES OF MALTA
37 NATIONAL LITERACY AGENCY
38 RELIGJON U HAJJA - ĊAK
39 AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT
40 WILLIAM MARTIN (FRECKLED COLOR)
41 RICKY CARUANA
42 JOSEPH P SMITH - PHOTOGRAPHER
43 RACHAEL HOLLWEY
44 JOSEPH GRECH
45 PANDORA BOOKS
46 ALFRED SANT (QUINQUE)
47 PAULJON AQUILINA
48 NARCY AND PETER CALAMATTA (ZARARTI MALTA CULTURAL ASSOCIATION)
49 AGENDA BOOKSHOP
50 ENERGY AND WATER AGENCY - L-ILMA IBDA MINNEK



**It-tim tal-KNK jixtieq jirringrazzja lil:**

John Boyne
Joe Sacco
Simon Trewin
Jon Mallia
Turi Animation Studio
Malta Public Transport
MCAST Research
Aġenzija Żgħażagħ
Malta Fairs and Convention Centre
Zaffarese ltd.
Blend
Twilight
XV Solutions
Thunder Beat

**Illustrazzjonijiet minn**
Gattaldo
**Disinn tal-Programm**
Noċemuskata Co. Ltd.

**Ħajr speċjali**
lill-esebituri kollha tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022 u lil dawk kollha li jħobbu l-kotba li dejjem jagħżlu li jżuru l-Festival.



**IMSIEĦBA:**

## Ħinijiet tal-Ftuħ

**L-ERBGĦA 23**
9:00-13:00 / 17:00-21:00

**IL-ĦAMIS, 24**
9:00-13:00 / 17:00-21:00

**IL-ĠIMGĦA 25**
9:00-13:00 / 17:00-22:00

**IS-SIBT 26**
9:30-22:00

**IL-ĦADD 27**
9:30-20:00

SKENNJA BIEX TARA L-PROGRAMM ONLINE

ktieb.org.mt

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Malta Book Festival 2022
Government of Malta
Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation